# DAWL FRANĠISKAN

LEĦEN IL-KAPUĊĊINI MALTIN

AWISSU – SETTEMBRU 2004 • L-24 SENA • GĦADD 242 • NEWSPAPER POS • ISSN 1811-5373



... Cathedral
...blic Library
This item has been
donated by
AF
on 8/04
Reg. No.
MEK 107068

DAWL FRANĠISKAN

AWISSU/SETTEMBRU 2004
L-24 sena • Għadd 242



Qoxra 1:
*San Franġisk jirċievi l-pjagi, wieħed mill-episodji l-aktar magħrufin fil-ħajja ta' dan il-qaddis. Din il-ġrajja seħħet sentejn biss qabel il-mewt ta' San Franġisk, jiġifieri fis-sena 1224, fuq l-għolja La Verna. Dawk li kitbu l-ħajja ta' dan il-qaddis jgħidulna kemm San Franġisk għamel li seta' biex iżomm din il-ħaġa moħbija mill-għajnejn ta' l-oħrajn. Fil-faċċata jidher ukoll is-Santwarju Franġiskan mibni fuq dan il-post.*

BORD EDITORJALI:
Leonard Falzon OFMCap (Direttur u Editur)
Frans Abela Giusti OFMCap
Wistin Attard OFMCap
Martin Micallef OFMCap
Andrè Azzopardi OFMCap
Dorian Holland OFS
Robbie Mamo
Fabian Marston GiFra

DIREZZJONI U AMMINISTRAZZJONI
Kunvent tal-Kapuċċini,
Floriana - VLT 14
Tel: 21 233874/21 225525/21 234949
e-mail: ofmcap@keyworld.net

ISSN 1811-5373

DISINN U LAYOUT:
IMAGE 2000 LTD, FGURA - 21 677577
MITBUGĦ:
P.E.G. Ltd., San Ġwann. - 21 440083

Kull korrispondenza, artikli, kitbiet u ittri biex jidhru fid-DAWL FRANĠISKAN għandhom jiġu indirizzati lill-Editur. Id-Direzzjoni tirriserva d-dritt li tippubblika fid-DAWL FRANĠISKAN dawk l-artikli, ittri jew tagħrif ieħor li jidhrilha li jkunu aqblu max-xejra tar-rivista.

© Dawl Franġiskan 2004
Publikazzjoni Franġiskani Kapuċċini













# Werrej

3 "Intom id-dawl tad-dinja."
minn P. Leonard Falzon OFMCap

4 Isaija: il-prinċep tal-Profeti
minn Mons. Lawrenz Sciberras

6 Teleskopju fuq il-Ħajja
minn P. William Axiaq OFMCap

8 Jum il-Missjoni tal-Kapuċċini Maltin

9 Riżultat tal-Lotterija

10 Lejn Alla bl-isport (6)
minn Joe Attard

11 L-esperjenza ta' Alla fil-ħalla tal-bniedem
minn Maria Aquilina GiFra

12 50 Anniversarju
minn P. Franġisku Azzopardi OFMCap

14 Tjatira: Belt bla ġieħ
minn P. Joe Buttigieg OFMCap

16 Il-Qima lejn San Frangsisk t'Assisi fil-Knejjes Maltin (17)
minn Br Andrè Azzopardi OFMCap

18 Żewġi quddiem il-pornografija
minn P. William Axiaq OFMCap

19 Il-preżenza soċjali tal-Knisja (5)
minn P. Philip Cutajar OFMCap

21 Franġisku: Inkulturat mill-Evanġelju u prattikanti tiegħu (1)
minn P. Philip Cutajar OFMCap

22 Aħbarijiet O.F.S.

23 Nitkellmu ma' P. Lawrenz Briffa
minn Br Andrè Azzopardi OFMCap

24 Aħbarijiet

27 Stilla minn ġot-tajn
minn Jeanette Falzon

29 Mill-ittri tal-qarrejja

30 Tisliba u Rokna għat-Tfal
minn P. Wistin Attard OFMCap

31 Is-Sejħa
minn Br Dennis Calleja OFMCap

32 Borża ta' Studju

Ħlas ta' l-Abbonament: Lm 4 fis-sena.
Kull offerta, barra mill-ħlas, hi milqugħa bħala għajnuna għall-Missjoni, li għandha tintbagħat lid-Direttur, Ċentru Missjoni Kapuċċini
Kunvent tal-Kapuċċini, Floriana - VLT 14

P. Leonard Falzon OFMCap

## "Intom id-dawl tad-dinja" (Mt. 5, 14)

# Fid-Dawl inħarsu lil ta' madwarna

Ninsabu ftit xhur biss 'il bogħod minn għeluq il-ħamsa u għoxin sena tal-pubblikazzjoni tar-rivista Dawl Franġiskan. Ċertament li biex realtà bħal din tkampa dan iż-żmien kollu żgur li jfisser determinazzjoni serja warajha u mira ċara biex l-għan tagħha jintlaħaq. Bl-onesta kollha nistgħu ngħidu li Dawl Fraġiskan mhux biss għex dan iż-żmien kollu, iżda wasal anki f'livelli professjonali fil-varji aspetti tiegħu. Bla dubju dan hu dovut għal kull min, b'mod jew ieħor, ta sehemu permezz tal-produzzjoni, fl-amministrazzjoni, distribuzzjoni, kitbiet , iżda mhux inqas tal-abbonati / qarrejja li ħerqana jistennew il-wasla tal-ħarġa li jkun imiss. Dawl Franġiskan huwa l-għodda li fil-verità nistgħu ngħidu li hi anki adatta biex permezz tagħha nwettqu dak li lkoll mistiedna nagħmlu, li nkunu dawl tad-dinja.

F'diskors bażiku ta' l-Evanġelju skond San Mattew, id-diskors tal-muntanja, fost ħwejjeġ oħra, Ġesù jistedina li nkunu dawl: ***"Intom id-dawl tad-dinja"*** (Mt 5:14). X'inhu l-għan tad-dawl? Li juri l-affarijiet. Id-dawl mhux qiegħed biex toqgħod tħares ġo fih. Qatt ippruvajt tħares ġox-xemx jew f'xi dawl qawwi? Ma tara xejn u tirriskja tagħmel ħsara 'l għajnejk. Mhux lid-dawl li għanda nagħtu importanza, iżda lill-affarijiet li jkunu mdawla. In-nisrani kwalifikat huwa dawl, iżda mgħandux jagħmel għemejjel tajba ħalli jiġbed l-attenzjoni għalih innifsu, biex ikun imfaħħar jew am-mirat.



In-nies m'għandhomx iħarsu lejh, għandhom iħarsu lejn l-għemejjel tajba. Ġesù jgħid li: ***"... il-bnedmin jaraw l-għemil tajjeb tagħkom u jagħtu glorja 'l Alla li hu fis-Smewwiet"*** (mhux lilna).

Id-dinja bla dawl ifisser li tinsab fid-dlam bil-konsegwenza li la tagħraf x'inhi, la fejn hi u lanqas fejn sejra. Id-dinja li jsemmi l-Evanġelju hija dak jew dik li, xiber biss 'il bogħod minnek, jinsab fi qtugħ il-qalb, fl-inċertezza, mirbuħ, bla paċi, fi tbatija, f'mixja għat-telfien. L-istedina li Ġesù qed jagħmel lilek u lili ġġor responsabbiltà lejn għajrna, hu min hu, hu x'inhu. Quddiem realtà ta' daqstant tbatija li, ħajjiet il-mimmi t'għajnejn ta' Alla: il-bniedem, tinsab titniehed fl-uġigħ, inti u jien nistgħu nagħmlu għazla bejn żewġ waqtiet: jow

- nagħlqu għajnejna u nħallu lil min jinsab f'xi gwaj imur jixxejjer b'konsegwenza ta' straġi għalih u ta' ammont ta' uġigħ għal ta' madwaru; jew
- fuq il-passi ta' l-istess Ġesù Kristu, li wettaq dak li qiegħed jipproponilna qabel ma qalu bil-kliem, insaħħu jew innisslu fina qalb tal-laħan għall-proxxmu. Qegħdin inkunu mistiedna li nkunu nies t'azzjoni li tinkuraġġixxi, tfejjaq, tagħti l-ħajja, frott l-imħabba, il-ġenerożità: ***"Minn dan jagħraf kulħadd li intom dixxipli tiegħi, jekk għandkom imħabba lejn xulxin"*** (Ġw 13:35). Hawn il-valur, is-sens ta' Dawl Franġiskan, id-dawl skond il-qies ta' Franġisku t'Assisi li sarraf b'ħajtu l-messaġġ ta' l-Evanġelju.

Paċi u Ġid!

*Mons. Lawrenz Sciberras*

# ISAIJA il-prinċep tal-profeti

Wieħed mill-profeti hekk imsejħin kbar li wettaq il-missjoni tiegħu fl-Art ta' Ġuda, immela fis-saltna ta' Isfel huwa Isaija. Alla sejjaħlu għal din il-ħidma madwar is-sena 740 meta dan kien għadu żagħżugħ. Kien iħobb ħafna lil Alla u ta' spiss kien imur jitlob fit-tempju. Fil-kapitlu sitta tal-ktieb tiegħu hemm deskrizzjoni dettaljata ħafna tas-sejħa tiegħu għal profetiżmu. Isaija aċċetta bil-qalb. Kienet xena li turi l-kobor tal-glorja t'Alla fuq it-tron imdawwar bis-serafini, itennu u jlissnu l-kliem qaddis, qaddis, qaddis.

It-tifsira ta' isem dan il-profeta hija waħda simbolika, mela l-Mulej huwa s-salvazzjoni. U ismu jidher għal 55 darba kemm fit-Testment il-Qadim kif ukoll fil-Ġdid.



*Isaija jirgħa n-nagħaġ. Turin, Biblioteca già Reale.*

## Tfulija u Sejħa

Ftit nafu dwar l-ewwel snin ta' ħajjet Isaija, għajr li nafu min hu missieru: iben Amos (mhux il-profeta). Huwa ħadem il-missjoni profetika tiegħu taħt erba' slaten, li huma Għużżija, Ġotam, Aħaż u Ħeżekija. Nafu wkoll li kien miżżewweġ u l-ismijiet taż-żewġt itfal li kellu, lt-tnejn kellhom Ismijiet simboliċi: ta' l-ewwel Sijarjasub, li jfisser għad ikun hemm fdal (Is 7,3), tat-tieni Maħer-salal-ħasbaż, li jfisser għaġġel u aqbad il-priża tiegħek (8, 1-4). Dan il-bniedem ukoll għadda xi snin minn tfulitu fl-istudju tal-Liġi u dan jidher mill-istil tal-kitba tiegħu.

Isaija kien kittieb prolifitiku ħafna. Dan il-ktieb idomm fih 66 kapitlu u donnu waħdu huwa Bibbja sħiħa. Huwa kiteb l-istorja tas-saltna ta' Għużżija u ta' Aħaż (2 Kron 26, 22; 32,32). Ebda kittieb ieħor tat-Testment il-Qadim ma għamel użu tant qawwi minn metafori, xebh u deskrizzjonijiet oħra daqs Isaija. Huwa jsemmi l-għejun tas-salvazzjoni, il-ħbula tal-barrin, id-dnub u l-ħbula tal-karrijiet. Kapaċi juża kuntrasti letterarji qawwijin u dan biex dejjem iwassal il-messaġġ profetiku tiegħu. Hekk, "minflok fwieħa – intejjen, minflok trieħi - ħbula, minflok xagħar midfur - qriegħi, minflok ilbies rikk – tgeżwir bl-ixkejjer, minflok ġmiel – it-timbru tal-jasar" (Is 3, 24).

Isaija kien raġel midħla sewwa kemm tal-belt ta' Ġerusalemm kif ukoll tat-tempju. Dan l-ambjent rikk nissel fih patrijottiżmu qawwi ħafna, tant li wasslu biex iħobb lil Alla b'qalb sinċiera u xejn anqas lil art twelidu b'imħabba tal-ġenn. Għalhekk Isaija kien dejjem kontra l-alleanzi ma' pajjiżi barranin. Isaija kien jaf li jekk dan isir, art twelidu jkollha tħallas ħafna tribù u meta mbagħad tiġi mitluba l-għajnuna din ma tasal qatt. U hekk ġara meta dawn kienu jeħtieġu l-għajnuna mill-Eġittu. Fuq kollox dan in-nabiħ wessa' ma' l-erbat irjieħ tad-dinja x-xewqa tiegħu għal paċi u sliem. "Huma jibdlu x-xwabel tagħhom f'sikek tal-moħriet, u l-lanez tagħhom fi mnieġel. Ebda ġens ma jerfa' x-xabla kontra ġens

ieħor, u s-sengħa tal-gwerra ma jitgħallmuhiex iżjed"(Is 2, 4). Illum din ix-xena b'dan il-kliem hekk suġġestiv u li jqanqlek tinsab quddiem il-palazz tal-**UNO.**

Fit-tagħlim tiegħu Isaija saħaq ħafna dwar il-kruha tal-formaliżmu. Dan iwassal għal ħajja spiritwali baxxa ħafna u bla ebda fejda. Kien jara ta' kuljum in-numru kbir ta' debħiet li jsiru fil-maqdes, imbagħad l-għemejjel tan-nies dejjem l-istess, mingħajr ebda progress spiritwali. Min kien jisraq jibqa' jinganna fis-serq u min kien jaħqar lil għajru kompla fl-istess imġiba tiegħu. Għalhekk Isaija wasal biex qal: "Xbajt mis-sagrifiċċji tal-ħruq tal-bdabad, u mix-xaħam tal-bhejjem smien. Id-demm tal-gniedes u l-ħrief, u ta' l-imtaten ma jogħġobnix" (Is 1, 11). Qalb dan il-formaliżmu kollu marbut mat-tempju, il-profeta Isaija dejjem kompla jkun ottimista.

## Kristu mħabbar

Il-biblista San Ġirolmu li għex b'Betlem għal 36 sena sħaħ isejjaħ lil Isaija, "il-profeta tal-Evanġelju". U dan fis-sens li fost it-tagħlim tiegħu hemm Kristu fin-nofs. Dan huwa kollu veru. Għaliex Isaija jbassar it-twelid ta' l-'Emanweli minn xebba' (Is 7, 14), kif ukoll b'liema doti u kariżmi kellu jkun imlibbes dan il-Messija: "Fuqu jistrieħ l-ispirtu tal-Mulej, u l-ispiru ta' l-għerf u d-dehen, l-ispirtu tal-għaqal u l-qawwa, l-ispirtu ta' l-għerf u l-biża' tal-Mulej" (Is 11, 2). Isaija mbagħad iħabbar ukoll aspett ieħor ta' dan il-bniedem protagonista; dawn huma t-tbatijiet li bihom huwa kellu jifdi lil kotra. Hawn għalhekk Isaija jara lil dan it-tali bħala l-feddej sħiħ u universali (Is 53). Wara tant snin bosta u bosta huma dawk li jaraw it-twettiq ta' dawn il-profeziji f'Ġesuċ ta' Nazaret li twieled tassew mix-xebba Marija u temm ħajtu fuq is-salib fost tant tbatija u uġegħ.

Isaija rnexxielu jwaqqaf ukoll madwaru grupp ta' dixxipli li mbagħad dawn komplew jgħallmu meta dan Isaija waqaf mill-ħidma tiegħu. Isaija għamilha ta' kunsillier lis-slaten, u lill-prinċpijiet, imma wkoll għallem bis-sħiħ lin-nies miġburin madwaru. Għallimhom dwar is-sovranitaċ ta' Alla kif ukoll dwar il-qdusija Tiegħu. Għallem Isaija, li Alla wieħed biss hemm u l-oħrajn huma kollha finti u foloz. Għalhekk kien ukoll teologu. Il-profeta insista bil-kbir dwar ir-rispett li jixraqlu Alla, li jsejħulu "il-qaddis ta' Iżrael". Għalhekk bosta drabi kien iebes fit-tagħlim tiegħu, imma Isaija kien ukoll ibiddel loħnu u juri l-ħlewwa tiegħu.

Ma nafux preċiż kif miet dan il-bniedem ta' Alla. Imma t-tradizzjoni **żżomm** li dan ġie mqiegħed ġo kaxxa u sserrat min-nofs. Dan kollu ġara taħt is-sultan ħażin Manasse. Referenza għal din il-kwalitaċ ta' mewt qiegħda f'Lhud 11, 37: "Kienu mħaġġra, imħanxra minn nofshom, maqtula bis-sejf ". ❑



## Talb għax-xahar ta' Awissu-Settembru 2004

O Qalb ħanina ta' Ġesù, kull ma nitlob, kull ma nagħmel u kull ma nġarrab f'dan il-jum, jgħaddi għalik mill-Qalb bla Tebgħa ta' Marija għat-tpattija ta' dnubietna, tad-dagħa li bih hu mżeblaħ l-Isem imqaddes tiegħek; u għall-fehmiet kollha li inti għandek f'kull quddiesa li titqaddes. Noffrihomlok fuq kollox għall-fehmiet tal-Papa u ta' l-Isqfijiet tagħna għal dan ix-xahar.

**AWISSU**

Biex l-Unjoni Ewropea tagħraf issib saħħa ġdida mill-patrimonju Nisrani li hu parti essenzjali tal-kultura u l-istorja tagħha.

Biex jikbru l-impenn, l-għaqda u l-kooperazzjoni bejn l-Istituti li jaħdmu attivament fil-Missjoni.

Biex dawk li jsiefru barra minn pajjiżna matul ix-xhur tas-sajf għall-mistrieħ jew għal xi studju, waqt li jkabbru l-kultura tagħhom, jimitaw biss dak li huwa tajjeb u jistħoqqlu tifhir.

**SETTEMBRU**

Biex l-anzjani jkunu rikonoxxuti bħala riżorsa prezzjuza għall-iżvilupp spiritwali u uman tas-soċjetà.

Biex fl-Afrika sseħħ kooperazzjoni vera u fraterna bejn dawk kollha li qegħdin jaħdmu għat-tkattir u l-iżvilupp tal-komunitajiet ekkleżjali.

Biex fl-iskejjel ta' kull għamia li jiftħu mill-ġdid f'dan ix-xahar ikun hemm dejjem kooperazzjoni sħiħa bejn il-ġenituri, l-għalliema u l-edukaturi l-oħra għall-ġid tar-ruħ u tal-ġisem tat-tfal li jitgħallmu.

*Kull xahar ikun hemm tliet intenzjonijiet: 1. Ġenerali; 2. Missjunarja; 3. Ta' l-Isqfijiet tagħna.*

*P. William Axiaq OFMCap*



# Teleskopju fuq il-ħajja

***Ġejjin ftit riflessjonijiet marbutin prinċipalment ma' dak li se jiġri u li s-soltu jiġri matul l-istaġun li ninsabu fih, u ma' dak li matul is-sena jiġri fina jekk ma nkunux qegħdin nieħdu ħsieb bis-serjetà l-formazzjoni umana u nisranija tagħna.***

## 1 POMPOŻITÀ U VANITÀ

San Pawl, huwa u jitkellem mill-għemejjel tal-ġisem, isemmi l-partiti li jġibu straġi fil-komunità (Gal 5, 21). Fil-partiti hemm spirtu ħażin - spirtu ta' *destructiveness*. Tarahom jaraw x'joħolqu biex juru li huma jridu jkunu għalkollox aħjar mill-partit l-ieħor tal-parroċċa, basta għalihom ma jkun hemm ħadd, basta huma l-aqwa, basta ħdejhom ma joqgħod ħadd. L-għors tagħhom hu li, kieku jista' jkun, iġibu fix-xejn il-partit oppost tagħhom.



Dan l-istint primittiv juri ruħu bi spirtu qawwi mundan. Mela meta parroċċa tonfoq ħafna flus biex iġib patrijarka jew kardinal dan mhux spirtu mundan? Mela meta tistampa apposta programmi kbar qishom lożor u tesponihom f'*notice-boards* biex tinki parroċċa oħra dan mhux għerf ta' din l-art, tal-ġisem u tax-xitan? Dan żgur mhux għaqal tas-sema! (Ġk 3, 15). Mela meta għall-quddiesa solenni tal-festa titulari jagħżlu paniġeristi li ħlief ftaħir żejjed fuq it-tgħammir tal-knisja ma joħroġx minn fommhom, dan mhux spirtu tad-dinja?

Mela San Pawl lemaħ spirtu ħażin fil-membri tal-komunità ta' Korintu, ma setax ikellimhom bħala nies spiritwali, imma bħala nies tad-demm u l-laħam, bħala trabi fi Kristu. Sela' jisqihom biss ħalib, mhux ikel solidu, għax ma kinux jifilħu għalih, ġaladarba fosthom kien għad hemm l-għira, il-ġlied, il-partiti u l-firdiet (1 Kor 3, 1-5). L-ikel sħiħ hu tal-kbar, ta' dawk li biż-żmien huma mdorrijin jagħżlu bejn it-tajjeb u l-ħażin (Lhud 5, 14). Forsi ma jkunx aħjar kieku ħafna kapriċċi li s-soltu jsiru fil-parroċċi għal żmien il-festa, li jitolbu tberbiq kbir ta' flus, jiġu evitati minnhom darba għal dejjem, u l-flus li setgħu ntefqu għalihom jibdew jużawhom f'affarijiet bis-sens, ngħidu aħna, billi l-parroċċa li tkun tidħol f'ġemellaġġ ma' parroċċa oħra fil-missjoni li tkun teħtieġ l-għajnuna? Jiena nagħti tort lill-patrijarka jew lill-kardinal li jkun li jaċċetta li jiġi fit-tali parroċċa jew fl-oħra meta suppost jitkixxef biex isir jaf għal liema raġuni parroċċa trid tistiednu għall-festa tagħha. Jekk jintebaħ li jriduh sempliċement biex jinqdew bih ħalli l-parroċċa turi l-pulikarja u l-forza tagħha fuq parroċċi oħrajn, il-patrijarka jew il-kardinal li jkun hu fid-dmir li jirrinunzja għall-istedina li tkun saritlu. B'hekk ma jagħtix okkażjoni li l-piki jkomplu jiżdiedu, jissaħħu u jissoktaw jifirdu gruppi ta' persuni minn xulxin li jinħassu ħafna f'ambjenti żgħar.

Meta l-istampa saret għolja ħafna, għaliex ħafna programmi qisna fi żmien il-bandu? Bil-flus li jintefqu fuq dawn il-ħmerijiet jistgħu jsiru ħafna opri ta' ħniena fil-parroċċi tagħna stess li fihom nies morda u ma jistgħux ilaħħqu ma' l-ispejjeż ta' tobba u pilloli, nies li nqabdu fl-użura u ħajjithom mhedda, nies li għandhom bżonn ħwejjeġ oħra li altru li l-kappillan ikun jaf bihom...

F'sitwazzjoni parrokkjali bħal dik li tkellimnt dwarha f'din ir-riflessjoni joqgħod tajjeb kliem San Ġakbu: "Jekk intom għandkom l-għira u l-imrar f'qalbkom u ħsiebkom fil-ġlied, qisu li b'hekk ma tiftaħrux u tigdbu kontra l-verità" (3, 14).

## 2 PRETENSJONI TA' RELIĠJON

Esponenti magħrufa tal-logħob Olimpiku bħalma kien Pierre de Coubertin, il-fundatur tal-moviment tal-logħob Olimpiku, Avery Brundage li għal bosta snin kien president tal-Kumitat Internazzjonali Olimpiku (CIO), kif ukoll Carl Diem, li kien ta sehem determinanti biex tifforma ruħha idea reliġjuża u kultwali speċjalment tal-logħob olimpiku f'Berlin fl-1936, kollha kienu ħarġu b'idea psewdoreliġjuża ta' l-isport Olimpiku. Sejħulu 'ir-reliġjon universali tas-seklu XX'. Kienu jsostnu li l-logħob Olimpiku jiġbor fih il-valuri fundamentali ta' kull reliġjon li hawn taħt il-kappa tax-xemx. Niġbed l-attenzjoni li dan kollu l-iżjed li jgħiduh għal dawk il-kompetizzjonijiet sportivi ta' livell għoli u professjonali.





L-isport għat-tliet esponenti li semmejt fuq għandu qawwa edukattiva, u kapaċi jissostitwixxi kull reliġjon minħabba l-fatt li kapaċi jagħti tifsira lill-ħajja, bħalma, fl-aħħar mill-aħħar, għandha l-ħila tagħmel hekk kull reliġjon oħra.

L-isport, għalkemm għandu ħafna x'joffri mill-aspett pożittiv, huwa madankollu reliġjon lajka, għax jipprexindi minn Alla, waqt li jiddivinizza lill-bniedem. Minħabba f'hekk, mhux possibbli li ssib f'din il-kwalità ta' reliġjon falza, is-sens tal-ħajja. Il-moviment sportiv ta' llum huwa għamla ta' sistema totalitarja. Jagħmel minn parti tar-realtà sħiħa tal-ħajja (l-aspett sportiv) daqslikieku kienet kollox.

Dawk li jħambqu li l-isport huwa reliġjon universali għandhom ħabta kif jinterpretaw kulma għandu x'jaqsam mar-reliġjon, waqt li japplikawh għall-isport, naturalment b'mod imqanżaħ kemm jista' jkun. L-istejdjums isejħulhom tempji, knejjes jew santwarji; il-ballun jagħtuh post is-salib; id-diversi għamliet ta' sport isejħulhom setet, il-plejers huma s-saċerdoti u r-reliġjużi li madwarhom b'mod ta' l-għaġeb jinġabru mijiet ta' eluf ta' nies li nsejħulhom 'il-fidili'...

Dan ifisser li fenomeni li għandhom karatteristiċi tipikament reliġjużi, jew għandhom x'jaqsmu b'xi mod mar-reliġjon, qed jiġu daqslikieku xejn applikati għall-isport.

Il-motto olimpjoniku *'citius, altius, fortius'* (iżjed bl-għaġġla, iżjed fl-għoli, iżjed bil-qawwa), iġagħalna naħsbu li fl-isport tal-lum hemm moħbija ċerta awtotraxxendenza li nsibuha biss fir reliġjon. Din hija kapaċità li ġġagħlek tisboq lilek innifsek, togħla 'l fuq minnek innifsek, toħroġ minnek innifsek.

Il-*canyoning, ir-rafting, il-parapendio...* il-kompetituri jidħlu għalihom biex jagħmlu l-esperjenza tal-*kick:* sensazzjoni qawwija li twassalhom biex saħansitra jixxennqu għall-periklu tal-mewt bla ma jqisuha xejn.

Iva, l-isport ta' esperjenza perikoluża qegħdin ixebbhuh ma' meditazzjonijiet traxxendentali li permezz tagħhom wieħed joħroġ 'l barra minnu nnifsu u jippretendi li jsir ħaġa waħda mad-dinja ta' madwaru.

Iċ-ċerimonji li jiftħu uffiċjalment il-logħob Olimpiku huma meqjusa daqslikieku kienu tassew liturġija. Kollox huwa ritwalizzat fil-logħob Olimpiku. Il-'Missierna' tinqaleb f'parodija u ssir *Schalke-Unser* (Schalke tagħna) – idolo sportiv, mito sportiv.

Daqq ta' qniepen, baned mużikali, korteo solenni, kant koralì, diskorsi, ġurament, bandieri, simboli luminarji, dan kollu jfisser konsagrazzjoni, festa ekkleżżjastika, komunjoni profonda, kif jiġri f'festa ta' belt jew raħal Malti.

L-insara, l-isport iridu jħobbuh għaliex joffri valuri kbar mhux biss fiżiċi imma saħansitra spiritwali, iżda qatt m'għandhom jistmawh iżjed milli hu, inkella jaqgħu fl-assurdità u fl-idolatrija.

***Mulej, għinni ħalli l-isport li tant inħobb dejjem nagħtih il-mertu li jistħoqqlu tassew fil-ħajja tiegħi.***



# Jum il-Missjoni tal-Kapuċċini Maltin

Waħda milll-attivitajiet fil-kalendarju tas-Segretarjat tal-Missjoni hija ċ-ċelebrazzjoni ta' Jum il-Missjoni tal-Kapuċċini Maltin li din is-sena saret nhar Għid il-Ħamsin, fil-knisja tas-Salib Imqaddes, il-Furjana, Il-knisja kienet mimlija daqs bajda. Il-kant immexxi minn grupp żgħażagħ tal-GiFra flimkien ma' l-istudenti Kapuċċini taħt id-direzzjoni ta' Brs Hayden Williams u Eric Vella OFMCap għamel mill-okkażjoni ċelebrazzjoni b'differenza. Il-knisja kollha kienet kor wieħed.

Mons. Francis Baldacchino, Isqof tad-Djoċesi Malindi, il-Kenja, assistit mill-Provinċjal il-ġdid Fr Joe Alessandro u Patri Crispin Tabone flimkien ma' għadd ta' konċelebranti oħra għamlu minn din is-solennità waqt ta' ferħ b'tifsira kbira. L-andament kollu ġarr marka ta' organizzazzjoni bil-galbu.

L-Isqof Mons. Francis Baldacchino beda l-omelija tiegħu b'ħarsa lejn il-ħidma mill-Ispirtu s-Santu sa mill-bidu tal-Knisja u l-iżvilupp tagħha f'diversi nħawi fid-dinja: l-Indja, l-Amerika t'Isfel, l-Etijopja, l-Egittu, it-Turkija, Ruma, eċċ. Din il-ħidma tibda fina u tkompli bina. Mons. Baldacchino għamel riferenza fit-tul għas-sehem tal-Patrijiet Kapuċċini missjunarji fl-India, Etijopju u partikularment fil-Kenja. L-Isqof qal li hu wieħed mill-ewwel Patrijiet li kienu marru l-Kenja fil-Missjoni ta' Garissa, tletin sena ilu. Din iż-żona tal-Missjoni kienet waħda diffiċli ferm. Il-bidu ta' kull avventura , min-natura tagħha, iġġorr marka ta' diffikultajiet. Il-Missjoni tagħna mhix eċċezzjoni.



*L-Isqof Mons. Francis Baldacchino waqt l-omelija.*
*Isfel: Uħud minn dawk li attendew għaċ-ċelebrazzjoni.*



Mill-bidu tal-ħidma missjunarja fl-estensjoni ta' Garissa, bi ftehim ma' Mons. Leo White, ukoll wieħed mill-ewwel sitt Patrijiet li l-Provinċja bagħtet f'dan ir-reġjun, jiena mort in-naħa t'isfel: Lamu, u hu baqa' fl-istazzjoni Garissa. Bejnietna kien hemm id-distanza, toroq ta' l-isem, komunikazzjoni mill-ifqar u realtà differenti għal kollox.

F'medda ta' dawn l-aħħar tletin sena ta' preżenza tal-Franġiskani Kapuċċini, assistiti minn għadd ta' Sorijiet Maltin tal-Kongregazzjoni "Ulied il-Qalb ta' Ġesù" u "Franġiskani tal-Qalb ta' Ġesù" flimkien ma' voluntiera lajċi, assistejna għall-żviluppi interessanti u ta' fejda għall-operaturi fil-ħidma missjunarja fil-Kenja, għall-istess Kenjani li ngħixu u naħdmu fosthom u mhux inqas għall-Provinċja f'Malta: Prefettura Appostolika, wara biss sentejn ta' esperjenza, b'Mons. Leo White Prefett Appostoliku; twaqqif tad-Djoċesi ta' Garissa b'Mons. Pawlu Darmanin l-ewwel Isqof tagħha, fis-sena 1984; twaqqif ta'd-Djoċesi ta' Malindi erba' snin ilu.

L-Isqof Baldacchino ta stampa wiesgħa tad-Djoċesi tiegħu Malindi li fiha tiġbor d-Distretti ċivili ta' Malindi, Lamu u parti mid-Distrett tax-xmara Tana. Malindi kienet tappartieni lill-Arċidjoċesi ta' Mombasa, filwaqt li l-bqija tat-territorju tad-Djoċesi l-ġdida kien jagħmel parti mid-Djoċesi ta' Garissa. L-Isqof Francis wera l-ferħ tiegħu għall-impenn serju missjunarju tal-provinċja Kapuċċina Maltija muri fil-Patrijiet li taw u għadhom jagħtu s-servizz tagħhom kull fejn kienu u f'kull żmien.

Iċ-ċelebrazzjoni kompliet u waqfet b'riċeviment fuq is-sur tal-kunvent. ❑







*Diversi mumenti waqt iċ-ċelebrazzjoni*

# RIŻULTAT TAL-LOTTERIJA

**organizzata mis-Segretarjat Missjoni Kapuċċini, Floriana, fl-okkażjoni tat-30 sena tal-preżenza tagħhom fil-Kenja, ġiet imtella' nhar il-Ħadd, 30 ta' Mejju, 2004**

L-1 Premju:
Biljett rebbieħ # 030352
Mr & Mrs M. Galea
Qormi

It-2 Premiu:
Biljett rebbieħ # 019270
Ms Paola Zammit
Marsa

It-3 Premiu:
Biljett rebbieħ # 008840
Ms Lina Caruana
Balzan

Ir-4 Premju
Biljett rebbieħ # 009146
Ms Rita Bonnici
Għajnsielem, Għawdex



***Fr. Joe Alessandro waqt it-tlugħ tal-premijiet tal-Lotterija.***

Il-5 Premiu:
Biliett rebbieħ # 002548
Mr Joseph Balzan
San Gwann

Filwaqt li nifirħu lir-rebbieħa ta' din il-lotterija, nirringrazzjaw lil dawk kollha li ħadu sehem fiha billi bagħtu l-kontribuzzjoni tagħhom flimkien mal-biljetti.

Nirringrazzjaw ukoll lill-*isponsors* li kienu hekk ġenerużi fl-għajnuna tagħhom b'riżq il-Missjoni kif ukoll lis-Sinjuri Pierre Portelli, Josephine Agius u Dorian Holland għall-kuntatti li għamlu ma' l-*isponsors.*

*Joe Attard (Coach)*

# Lejn Alla bl-isport (6)



Darba it-tim tiegħi kien qed jilgħab logħba tal-kampjonat fit-tieni diviżżjoni. Din il-logħba kienet taħraq ħafna għax konna rridu rebħa biex nirbħu l-kampjonat. Ippreparajna bis-sħiħ u l-plejers, inkluż jien, konna qegħdin inħarsu lejn din il-partita b'anzjetà kbira. Is-sapporters ukoll kienu anzjużi u niżlu bi ħġarhom għal din il-logħba armati b'kull ħaġa li tagħmel ħoss u b'ħafna bnadar bil-kuluri tal-klabb.

Il-kaptan tat-tim kien bniedem reliġjuż ħafna; ħaġa li ftit issibha. Ma kien jiddejjaq xejn juri s-sentimenti reliġjużi tiegħu u kien magħruf sewwa għall-imġiba tajba u s-sinċerità tiegħu kemm mal-plejers sħabu kif ukoll ma' plejers oħra ta' t-timijiet opposti. Qabel kull logħba, wara li jien kont inkun tajt l-istruzzjonijiet tiegħi lill-plejers, kien jiġbor lil sħabu f'nofs id-*dressing room* u jgħid talba żgħira. Ma setax jonqos li jagħmel l-istess qabel din il-partita importanti. Naturalment Alla ma jżomm ma' ħadd, imma kif kien jemmen dan il-plejer, Alla jgħin lil min jgħin ruħu u lil min jagħmel ħiltu.

Ma setax jonqos li matul il-logħba ma jisħnux l-irjus. Wieħed milL-plejers tat-tim oppost tant tilef rasu li beda jidgħi b'Alla. Il-kaptan tat-tim tiegħi mill-ewwel irrisponda b'għajta li smajtha jien minn fuq il-bank u ma setax jonqos, semgħuha wkoll ir-*referee* u l-plejers l-oħra kollha.

Din l-għajta **"ikun imbierek Alla u l-isem qaddis tiegħu"**. Il-plejer li dagħa ħadha r-risposta u wara l-partita ġie fid-*dressing room* tagħna biex jiskuża ruħu. Il-kaptan, bit-tbissima solita tiegħu qallu li m'għandux għalfejn jitolbu skuża, imma jkun xieraq li jitlob skuża lil Alla li semmieh għal xejn b'xejn. Dan l-episodju fil-ħajja sportiva tiegħi għadni niftakru sal-lum.

Ħafna Maltin isemmgħu 'l Alla fil-batal qishom qed jixorbu tazza ilma. Forsi jagħmlu dan minħabba l-ambjent li trabbew fih jew għax ma jaħsbux xi jkunu qegħdin jgħidu. Kemm-il darba smajna nies jidgħu u għalina qisu ma ġara xejn! Lill-Madonna Omm Ġesù tgħidx kemm isibulha aġġettivi meta jidgħu biha! Lill-qaddisin iniżżluhom kollha mis-Sema! Mhux talli hekk, imma anki l-Ostja Mqaddsa tiġi mżebilħa għal xejn b'xejn!

**Riflessjoni:** *X'nagħmel jien meta nisma' l-Isem t'Alla mkasbar? Jekk m'għandix kuraġġ insikket, ngħid xi talba f'qalbi biex infaħħar 'l Alla u l-isem tiegħu?!*







Maria Aquilina GiFra

# L-esperjenza ta' Alla fil-ħajja tal-bniedem



*Alla jgħix f'kull wieħed u waħda minna, iżda mhux kulħadd jesperjenzah mal-ewwel f'ħajtu. Hawn min jesperjenzjah meta jkun daqsxejn ta' tifel ċkejken jew tifla ċkejna u hawn min jibda jifhem bil-preżenza t'Alla meta jkun kbir sew fl-età. Hawn min ukoll li allavolja lil Alla jkun esperjenzah ta' età zgħira jasal biex jinsa l-esistenza tiegħu għal ċertu perijodu u jkun iridu jara kif ħa jerġa' jiskoprih, dejjem jekk irid huwa.*

Il-preżenza t'Alla ġo fik tista' tħossha u tesperjenzaha b' diversi modi. Tista' tarah fin-natura, fil-mużika, fin-nies ta' madwarek, f'xi sejba kbira ta' xjenza jew mediċina. Dawn l-affarijiiet bla ma trid iġegħluk taħseb f'Alla u tesperjenzah għax kollha huma ħolqien t'Alla. L-iskoperti l-kbar, in-natura u l-bniedem innifsu ma setgħux ikunu possibbli fid-dinja jekk mhux bil-ħila u bl-intervent t'Alla.

Jiena fl-esperjenza tiegħi, għalkemm lil Alla kont smajt dwaru u kont naf fuqu, kont inħossni dubjuża dwar kif Alla jkellem lill-bniedem jew jaħdem fil-bniedem, jiġifieri kif Alla juri lill-bniedem dak li jrid minnu. Kien proċess twil sakemm wasalt biex esperjenzajtu u l-grupp GI.FRA għenni f'dan l-aspett. Fil-GI.FRA, irrealizzajt li Alla jkellmek mill-fallimenti tiegħek, min-nies ta' madwarek, mill-esperjenzi ta' madwarek u fil-fond ta' qalbek. Irrealizzajt li ħafna drabi meta xi ħaġa tfalli, allavolja inti tkun stinkajt diversi drabi għaliha, tiġri għax Alla jkun irid jurik li hemm xi ħaġa ħażina f'ħajtek u trid tara kif ħa tirranġaha biex tqum fuq saqajk u terġa' tiftaħ bħal warda ġdida.

Il-mod ta' kif wieħed irid jesperjenza lil Alla huwa proċess twil u għal kulħadd differnti għax Alla juża lingwaġġi u sinjali differenti biex juri lill-bniedem ir-rieda tiegħu skond kif jifhem dak it-tali bniedem. Għalhekk, ħbieb, żgħażagħ, miżżewġin u lajci, aħdmu u stinkaw biex tħossu l-preżenza t'Alla f'ħajjitkom u taraw x'inhi r-rieda t'Alla għalikom f'din d-dinja. Ftakru wkoll li anki f'mumenti ta' disperazzjoni, ta' dwejjaq u disappunti, Alla ikun jinstab fostkom u allura tagħmlux l-iżball li taqgħu f'vizzji ħżiena għax taħsbu li jkun insiekhom. Meta l-bniedem iħoss 'l Alla f'ħajtu u jagħmel ir-rieda tiegħu li l-imħabba fid-dinja tista' tisboq kompletament.

Illum naf li f'kull ma nagħmel, Alla huwa preżenti f'ħajti u fil-fatt jiena fiż-żmien mudlam infittex izjed l-għajnuna tiegħu u serħan mingħandu. Naf li huwa "kenn għalija, mit-taħbit tħarsini, iddawarni u tferraħni bil-ħelsien tiegħek" (Salm 32:7).

Nagħlaq dan l-artiklu b'dan is-Salm. Jiena nitlob lin-nies biex jagħtu iktar importanza lil Alla speċjalment f'soċjetà li hija egoista u individwalista, biex fl-aħħar mill-aħħar ikun hawn l-hena u l-imħabba fraterna bejn kulħadd. ❑



P. Franġisku AzzopardiOFMCap



# 50 ANNIVERSARJU

# L-Istatwa ta' San Franġisk t'Assisi fil-Floriana 1954 – 2004

Ħamsin sena ilu, fil-25 t'April 1954, statwa ġdida ta' San Franġisk t'Assisi minquxa fil-ġebel mill-iskultur magħruf Marku Montebello, ħadet post dik ta' qabilha fil-kantuniera ta' Triq San Franġisk ma' triq San Tumas fil-Floriana[1].

Qabel it-tieni Gwerra Dinjija (1939-1944) f'dak l-istess post kien hemm statwa tal-ġebel tal-Qaddis t'Assisi l-ġmiel tagħha. Mill-istil tagħha, il-kritiċi jgħidu li ħarġet mill-iskarpell ta' xi skultur ta' ħila kbira fl-arti ta' l-inqix fil-ġebla Maltija. Dik l-istatwa nqerdet waqt ħbit mill-ajru fit-8 ta' Mejju 1942[2]. B'xorti tajba r-ras tal-qaddis inġabret mill-ħerba u nżammet b'għożża mill-aħwa Francis u Annetto Dimech (magħrufin bl-isem tal-ħanut tal-kafè *Green Shutters*). Imbagħad fl-1991, kważi 50 sena wara, l-istess aħwa offrew dik ir-ras lill-mużew tal-Kapuċċini, fejn illum hi esposta għall-ammirazzjoni tal-Furjaniżi u tal-pubbliku inġenerali[3].

## Xewqa tat-Terzjarji

Il-gwerra ntemmet fl-1944 u ż-żmien beda għaddej. Iktar ma bdew jitgerrbu s-snin iktar kibret ix-xewqa tat-Terzjarji Franġiskani u wkoll tal-Patrijiet (għalkemm dawn ta' l-aħħar kienu qed iħabbtu wiċċhom ma' diffikultajiet kbar dwar il-bini tal-knisja u l-kunvent) li ssir statwa oħra ta' l-istess qaddis u titqiegħed fl-istess post. Għal dan il-għan saret aktar minn talba waħda lill-*War Damage Commission*, iżda t-talba ma ġietx milqugħa u ma ngħatat l-ebda għajnuna. Illum nifhmu wkoll li f'dawk iż-żminijiet u ċirkustanzi kienet tingħata prijorità lill-ħtiġijiet l-aktar urġenti.

B'danakollu, it-Terzjarji ma qatgħux qalbhom. F'laqgħa tal-kunsill tagħhom, li saret f'Ottubru 1952, iddeċidew li jagħmluha huma, imqar minn buthom. Fost it-Terzjarji kien hemm is-Sur Ġużè Dingli, neguzjant magħruf tal-faħam, ħabib kbir tal-Kapuċċini u wkoll missjunarju magħhom għal żmien fid-Djoċesi ta' Jhansi, fl-Indja. Dan malajr offra minn jeddu li jidħol għall-ispejjeż kollha hu. Fil-fatt is-Sur Dingli ħallas mhux biss l-istatwa iżda wkoll ir-restawr tal-kolonna-pedistall u għat-tiżjin meħtieġ u xieraq[4].

## Statwa ġdida

Fi żmien qasir, wara dik id-deċiżjoni, Patri Timotju Attard, Delegat Provinċjali għat-Terzjarji, għamel talba lill-Bord ta' l-Estetika biex issir statwa ġdida u titqiegħed fil-kanturiera li semmejna. Fl-14 ta' Novembru 1952, il-Bord ħareġ il-permess meħtieġ, filwaqt li wera l-apprezzament tiegħu għal Marku Montebello li kellu jonqoxha[5]. Fi żmien sena l-imsemmi skultur lesta l-istatwa li naraw illum.

Fil-25 t'April 1954, tnax-il sena wara t-tiġrif ta' l-ewwel statwa, il-Provinċjal Patri Pietru Mamo, mill-Furjana, imsieħeb minn Patrijiet oħra, mexxa proċessjoni mill-

kunvent sa fejn twaqqfet l-istatwa l-ġdida. Hemm bierek l-istatwa, waqt li Patri Timotju Attard tkellem dwar kif l-istatwa l-ġdida waslet f'postha. Imbagħad wera min kien San Franġisk t'Assisi u x'għamel biex wettaq dak li Alla ried minnu, fost ħwejjeġ oħra kien it-twaqqif ta' l-Ordni Franġiskan Sekulari għall-qdusija tal-lajċi fis-soċjetà[6].

## Ħamsin sena wara

Nhar it-Tnejn, 3 ta' Mejju 2004, saret kif kien xieraq tifkra tal-50 sena minn mindu l-istatwa l-ġdida ta' San Franġisk tqiegħdet fil-kanturniera tat-triqat imsemmija. Is-sur Christopher Vella, bi ftehim ma' l-Arċipriet tal-Floriana, Rev. Richard Borg, u b'għajnuna siewja tas-Sur Charles Saliba, ħa ħsieb iħejji dak kollu li kienet titlob l-okkażjoni. Quddiem id-dar tas-Sinjura G. Galea, fi Triq San Tumas, twaqqaf artal fejn saret quddiesa konċelebrata mmexxija mill-Arċipriet tal-Floriana flimkien ma' Fr Joe Alessandro, Superjur tal-kunvett tal-Floriana, flimkien mal-Patrijiet Stiefnu Barbara, Joe Giuliano u Franġisku Azzopardi. F'diskors qasir l-Arċipriet fisser kif kienet imsawra l-ħajja ta' San Franġisk, jiġifieri mibnija fuq il-ħarsien tat-tagħlim li l-Mulej Ġesù ħallielna fl-Evanġelju u mwettqa b'sempliċità, ċkunija u mħabba. Dan huwa stil ta' ħajja li jista' jitwettaq minn kulmin għandu rieda tajba f'kull żmien u f'kull post.

Għalkemm it-temp ma kienx sabiħ u f'xi waqtiet bdiet nieżla x-xita, bosta kienu dawk li ħadu sehem fil-quddiesa u baqgħu hemm sa l-aħħar[7]. Kif intemmet iċ-ċelebrazzjoni Ewkaristika, is-Sur Christopher Vella, li b'ħeġġa u interess jieħu ħsieb iżomm l-istatwa f'kundizzjoni tajba u mżejna kif jixraq, radd ħajr lil kulħadd u ħeġġeġ lin-nies biex jibqgħu jgħożżu dik l-istatwa. Fl-aħħar tkellem is-Sur Nigel Holland, Sindku tal-Floriana, fejn wera l-apprezzament tiegħu għax-xogħol li twettaq biex saret it-tifkira. Tabilħaqq, ċelebrazzjoniet bħal din, minbarra l-aspett reliġjuż u spiritwali tagħhom, jiswew biex jibqa' ħaj l-ispirtu ta' interess fil-ħarsien ta' dak kollu li jagħmel ġieħ lil Floriana[8]

## Għalfejn l-istatwi fit-toroq u fil-pjazez?

L-istawi li naraw fit-toroq, fil-pjazez u fil-kantunieri ta' bosta mill-ibliet u rħula tagħna għandhom tifsira u importanza fil-ħajja reliġjuża, soċjali u kulturali ta' diversi żminijiet ta' l-istorja ta' Malta u Għawdex.



*L-istatwa ta' San Franġisk li nqerdet fit-8 ta' Mejju 1942. Jidher is-Sur Manwel Zammit li kien jieħu ħsiebha, flimkien maż-żagħżugħ Annetto Dimech*

Statwi reliġjużi bħal dawk ta' Sidna Ġesù Kristu, tal-Madonna u tal-qaddisin, minbarra li juru l-qima pubblika ta' poplu nisrani, jiswew ukoll biex ifakkru u jħeġġu lil min iħares lejhom ifassal il-ħajja tiegħu fuqhom. Il-Knisja tridna nagħtu qima lill-qaddisin awtentiċi u tħeġġigna biex inżommuhom bħala mudelli ta' ħajja nisranija għal kull stat tal-ħajja tal-bniedem[9].

Imbagħad hemm ukoll l-aspett artistiku, il-valur storiku u soċjali li kollha jagħmlu sehem mill-wirt kulturali Malti. Fil-fatt, xi wħud mill-istatwi li naraw huma xogħlijiet ta' skulturi ta' fama li għamlu isem 'il barra minn xtutna. Ngħidu wkoll li wħud huma ta' livell popolari taż-żminijiet li nħadmu fihom. Inżidu ngħidu li ma' bosta minn dawn l-istatwi, reliġjużi u ċivili, hemm marbuta xi raġuni jew ġrajja għaliex twaqqfu. Din tista' tkun rebħa, mewt, ħelsien, epidemija u oħrajn. Għandna wkoll bosta persunaġġi ekkleżjastiċi u ċivili li għamlu ġieħ lil pajjiżna u oħrajn. Matul l-aħħar gwerra nqerdu ħafna statwi speċjalment fl-inħawi tal-portijiet tagħna. Iżda saru oħrajn ġodda li ma kinux qabel u li jissuktaw iressqu l-mgħoddi lejn il-ġejjieni. Nittamaw li Malta tallum tkun tista' tħares dan il-wirt u żżommu fi stat ta' konservazzjoni tajjeb b'riżq il-ġenerazzjonijiet li għad jiġu.

## Riferenzi


1. **L-Immakulata,** 30 (1954) Ġunju, qoxra III; **Il-Berqa,** 30 April 1954, 3; **Times of Malta**, April 27, 13.

2. Azzopardi F., OFMCap., **Xi statwi fil-Furjana u l-Patrijiet Kapuċċini** fi **Il-Furjana**, V (Jannar-Marzu 1991) 7; **Id** (April-Ġunju 1991) 8-9. Dik l-istatwa kien jieħu ħsiebha ċertu Manwel Zammit

3. Fl-1908 il-Patrijiet kienu kisbu l-permess biex madwar l-istatwa jsir kanċell baxx tal-ħadid (ara *Police Office, Valletta, permit N° 413/G, 18 August 1908*).

4. Ara n-noti Nri 1 u 2.

5. *Public Works Dept., Valletta, permit N° 1617/AB 52, 14 November 1952.*

6. **L-Immakulata,** 1.c.

7. Minħabba x-xita l-Arċipriet kellu jqassam l-ewkaristija minn taħt umbrella.

8. Il-ħarsien tal-wirt kulturali jitlob li "iċ-Ċelu" (saqaf) li kien fuq l-istatwa sa ftit snin ilu, jerġa' jitqiegħed f'postha.

9. Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni dwar il-Liturġija, **Sacrosanctum Concilium,** 114.

P. Joe Buttigieg OFMCap

# TJATIRA
## *Belt bla ġieħ*



Fuq il-grigal tal-belt ta' Pergamu, 'il bogħod xi 65 Km., insibu xi ftit fdalijiet tal-belt ta' Tjatira. Dawn huma triq bil-kolonni, tempju, u fdalijiet ta' knisja kbira Biżantina. Jista' jkun li hemm ħafna iżjed fdalijiet tal-passat glorjuż tagħha taħt l-art. Minn dak li nstab jidher li din il-belt rat diversi ġnus jaħkmuha, bħalma kienu l-Lidjani, Hittin, Persjani, Griegi, Rumani, Għarab u Torok.

Kienu l-Lidjani li għamlu minn Tjatira l-ewwel belt fid-dinja kollha li bdiet tuża l-flus.

L-imperatur Cesari Awgustu żar lil din il-belt fis-sena 48 q.K., u fis-sena 214 w.K., l-imperatur Caracalla, waqt żjara, inġibed tant lejn din il-belt li għażel joqgħod hemm diversi xhur, u ta s-setgħa li tkun '***A Conventus***'.

Dawn il-fdalijiet u s-sejbiet jagħtu lil din il-belt storja ta' 5000 sena. Imma anki jekk kienet il-belt ewlenija fil-wied tal-Liċju, kienet waħda mill-inqas importanti fost l-hekk imsejħa "seba' bliet tal-*Apokalissi*". Plinju x-xiħ sejħilha ***inhonora civitas***, belt bla ġieħ.

Minkejja kollox, kienet belt li minħabba l-qagħda strateġika tagħha, kienet f'salib it-toroq ma' bliet importanti oħra, kellha bżonn kontinġent militari qawwi. L-istess belt kienet magħrufa ħafna għall-industriji tagħha tat-tessuti, u l-aktar tal-porpra, li ħafna rejiet u rġejjen kienu jfittxu li jixtru biex iħejtu l-ilbies irjali tagħhom.

Il-Ktieb tal-Atti ta' l-Appostli jirrakontalna meta San Pawl fit-tieni vjaġġ missjunarju tiegħu ġewwa Filippi, f'dar tat-talb fejn kien hemm miġbura xi nisa, ***"waħda minnhom (li) kien jisimha Lidja, mara minn Tjatira, neguzjanta tal-porpra u kienet tqim lil Alla", qagħdet tisma' dak li kien qed jgħid San Pawl, "u l-Mulej fetħilha qalbha biex tifhem dak li kien qed jgħid"*** (16:11-15).

Il-ħafna industriji kienu miġjuba 'l quddiem u mħarsa minn assoċjazzjonijiet u korporazzjonijiet ta' l-istess indjustriji. Il-ħajja tax-xogħol f'dawn l-industriji ma kinetx mingħajr qima lejn l-allat, laqgħat u festi. Fost il-ħafna allat li nsibu li kienu meqjuma fil-belt ta' Tjatira, insibu lil alla Apollu Tirimanju, meqjum bħala alla tax-Xemx.

Dan jgħinna nifhmu aħjar dak li jrid jgħid l-awtur tal-Apokalissi lill-Anġlu tal-Knisja ta' Tjatira (2:18-29).

Din l-ittra lill-Anġlu tal-Knisja ta' Tjatira hija l-unika xhieda neotestamentarja diretta tal-preżenza nisranija hawnhekk lejn tmiem l-ewwel seklu wara Kristu.

It-test ta' din l-ittra jagħtina x'nifhmu li l-Kristjaneżmu ma damx ma wasal f'Tjatira. Dan tixhdu l-istess komunità nisranija li tiġi mfaħħra mhux biss għall-fidi u l-imħabba, il-qadi u s-sabar, imma għall-għemejjel tagħha li dawk "***ta' l-aħħar huma aħjar minn dawk tal-bidu***" (vs. 19).

Jidher li din il-preżenza nisranija f'Tjatira baqgħet dejjem tikber hekk li l-belt fil-bidu tat-Tielet Seklu kienet kważi kollha nisranija. Fil-*Panarion* miktub minn Epifanju naqraw li l-Knisja f'Tjatira mhux biss kibret u ssaħħet hi, imma permezz tagħha twieldu xi komunitajiet insara oħra fl-inħawi viċin.

Dan l-ispirtu missjunarju ta' din il-Knisja mbierka ġie msarraf fix-xhieda ta' Karpu, Papilu, u Agatoniċi li soffrew il-martirju f'Pergamu fi żmien l-imperatur Mark Awrelju (161-180). Mill-*Atti tal-Martri* naqraw li Papilu kien missjunarju minn Tjatira li quddiem il-prokonslu ma beżax jistqarr li kien nisrani u li kien nissel fi Kristu Gesù wlied mhux biss fil-belt ta' Tjatira, imma saħansitra fil-Provinċja kollha.










*Fdalijiet ta' knisja kbira biżantina fil-Belt ta' Tjatira. Jidhru wkoll kolonni u fdalijiet ta' tempju.*

Nafu li għall-Konċilju ta' Niċea (325) ħa sehem l-Isqof ta' Tjatira fil-persuna ta' Sozoni. Imbagħad mitt sena wara l-Isqof Fusko ħa sehem fil-Konċilju ta' Efesu (431) li kien iddikjara lill-Verġni Mbierka Marija bħala ***Teotokos***, Omm Alla. L-aħħar Isqof tal-ġemgħa nisranija f'Tjatira li tiegħu għandna l-isem huwa Bazilju (872).

Il-belt kellha ssofri ħafna mill-invażżjonijiet tal-Goti u tal-Għarab sakemm fl-1425 kienet tagħmel sehem mill-Imperu Ottoman minn Murat II.

Illum Tjatira hija msejħa Akhisar. Dan l-isem tork ifisser (Ak=abjad u hisar=kastel), Kastel Abjad. Sas-Sena 2000 kienet tgħodd 152, 582 ruħ. L-estensjoni tagħha tagħmilha l-ikbar post fit-Turkija kollha.

Bħal fil-qedem hija ċentru ta' *business* kbir, u hija magħrufa l-iktar minħabba li tipproduċi 10 fil-mija tal-produzzjoni tat-tabakk, u għal kwalità għolja ta' żebbuġ u żejt taż-żebbuġa li huma mfittxija minn ħafna nħawi fid-dinja.

Matul is-seklu 19-20, f'din il-belt kien hemm preżenza qawwija ta' Lhud. L-Insara għebu għal kollox l-iżjed wara l-waqgħa tal-Imperu Ottoman fl-1923. ❑

**Tista' tgħin lill-missjoni billi tiġbor u tibagħtilna:**

- Bolol u Telecards użati
- Muniti qodma ta' Malta u Barra
- L-irċevuti fiskali tal-VAT
- Kotba bi stejjer fittizji.
- Postcards






Ibagħtuhom lil:
**Uffiċċju Missjoni Kapuċċini, Kunvent tal-Kapuċċini Floriana VLT 14**

**Nirringrazzjawkom għal kull għajnuna li tagħtuna.**

Br Andrè Azzopardi OFMCap

# Il-Qima lejn San Franġisk t'Assisi fil-Knejjes Maltin

IS-SBATAX-IL PARTI

***F'din il-ħarġa sejrin inkomplu l-mixja tagħna fil-Knisja tal-Patrijiet Franġiskani Minuri fir-Rabat, Malta. Hawnhekk se naraw il-pittura tas-saqaf tal-knisja li turina żewġ xbihat ta' San Franġisk minn żewġ artisti differenti. Imbagħad se nibqgħu fl-istess lokalità iżda se nterrqu lejn il-knisja tal-Patrijiet Dumnikani magħrufa bħala ta' Sidtna Marija tal-Għar.***

Il-pittura li tinsab fis-saqaf tal-knisja tal-Patrijiet Franġiskani Minuri saret minn żewġ artisti differenti. Kien fis-17 t'Ottubru 1952, fi żmien Patri Samwel Camilleri OFM, meta nkixfet pittura ġdida li turi lil San Franġisk b'idejh miftuħa tiela' fil-glorja tas-Sema fuq sħaba mdawwar bl-Anġli. Dan hu xogħol tas-surmast



Taljan Conti, li ħa ħsieb ipitter ukoll il-koppla ta' l-istess knisja kollha u bħala ħlas jingħata l-kwadru titulari tal-knisja, jiġifieri dak tas-SSma. Trinità.

Dan il-kwadru mdaqqas hu xogħol li jġib il-firma tal-pittur Franċiż Favray, li għandu xi xogħlijiet oħra fi knejjes u bini pubbliku f'Malta.



Il-kumplament tal-pittura tas-saqaf tal-knisja sar fis-snin sebgħin mill-artist Għawdxi Pawlu Camilleri Cauchi. Ix-xbieha ta' San Franġisk narawha fuq in-naħa tax-xellug tal-gallarija ta' l-orgni tal-knisja hekk kif wieħed iħares lejha minn fuq l-artal maġġur.

Hemmhekk għandna lil dan il-qaddis b'ħarstu mgħollija lejn is-Sema u b'idejh miftuħa. Madwaru hemm miġbura diversi annimali li juru l-imħabba u r-rabta li dan il-qaddis għandu mal-ħolqien kif rifless fl-istess kitbiet tiegħu, speċjalment f'dik li hi magħrufa bħala l-*Għanja tal-Ħlejjaq*.

Hawnhekk nixtieq inrodd ħajr lil Patri Martin Coleiro u lil Patri Ġorġ Aquilina OFM tat-tagħrif siewi li għaddewli dwar dawn il-kwadri u statwi li jinsabu f'din il-knisja.



L-ewwel kunvent tal-Patrijiet Dumnikani twaqqaf madwar is-sena 1450, qrib għar fir-Rabat fejn kif jingħad, il-Madonna dehret lil wieħed kaċċatur li kien daħal jistkenn fih. Hu għalhekk li kemm il-knisja kif ukoll il-kunvent għadhom sa llum bħala dawk tal-**Madonna tal-Għar.**



Patri Mikiel Fsadni OP fil-ktieb tiegħu, "Id-Dumnikani fir-Rabat u fil-Birgu sa l-1620", ippubblikat fl-1974 f' p. 47, jgħid li fil-pittura titulari tal-Knisja tal-Patrijiet Dumnikani ġewwa r-Rabat, kien hemm ukoll il-figura tal-qaddis serafiku. F'dan il-kwadru ta' stil Grieg kien hemm impittra flimkien mal-Madonna bil-bambin, San Pietru Appostlu u San Duminku b'ġilju f'idu l-leminija. Taħt il-Madonna kien hemm Kristu Rxoxt u fuq in-naħa tax-xellug ta' fejn ix-xbieha, fost erwieħ qaddisa oħra kien hemm San Franġisk. Dan il-kwadru reġa' tqiegħed fil-kappellun tal-kor wara li dan reġa' nbena mill-ġdid.

M'għandniex informazzjoni dwar x' seta' sar minn dan il-kwadru llum. Li hu żgur hu li l-ħbiberija li kien hemm bejn San Franġisk t'Assisi u San Duminku ta' Guzman, żewġ qaddisin fundaturi ta' Ordnijiet kbar fl-istorja tal-Knisja, intweriet fi kwadru ta' daqs ċkejken li llum jinsab fuq l-antiporta tal-bieb tal-ġenb tan-naħa tal-lemin hekk kif tidħol fil-knisja. Dan sar fl-1869 mill-artist Senglean Giuseppe Bonniċi (1835-1900) u għandu tassew kuluri vivaċi.

Hawnhekk nixtieq inrodd ħajr lil Patri Mikiel Fsadni OP u lil Nadine Briffa ta' l-informazzjoni li għaddewli dwar dan il-kwadru li jinsab fil-Knisja tal-Madonna ta' l-Għar fir-Rabat. ❑

*P. William Axiaq OFMCap*

# Żewġi quddiem il-pornografija

**Father, jiena mara miżżewġa li bil-lejl norqod daqs bumerin. Iva, norqod ħafna fil-fond tant li lanqas b'tir ta' kanun jew b'daqqa ta' stanga ma jirnexxilek tqajjimni. Dan l-aħħar, iżda, ma nafx x'ġara, ma stajtx norqod, b'xejn. Ma nqumx u nsib lir-raġel fuq l-*internet* jara pornografija mill-Ġermanja! Tgħidx kif inħasad! Qatt ma stenna li se nqum, għax jaf li norqod daqs foka u ħadd ma jqajjimni. Tista' taħseb kif sirt demonju u x'ma għedtlux! Mur obsor li qed jipprofitta ruħu mill-fatt li norqod ħafna, biex iqum u joqgħod ipaxxi l-istinti baxxi tiegħu. Jiena ffastidjajt ruħi sew u issa la qed inkellmu u lanqas nagħtih il-jedd taż-żwieġ. Inħoss li ferini waħda sew, u ma nistax inqum mit-tort kbir li għamilli. Għandi raġun nirreaġixxi hekk jew le? Kif għandi nġib ruħi iżjed 'l quddiem, jekk niġi li nibred mis-saħna li għandi għalih?**



Nibda biex ngħidlek li għandek raġun mija fil-mija tirreaġixxi bil-mod li fissirtli fl-ittra tiegħek, meta qbadt lil żewġek jara fil-qalba tal-lejl, il-pornografija fuq il-mezz elettroniku u informatiku li semmejt. Naturalment naqbel miegħek għaliex nissoponi li inti m'intix tittraskurah sesswalment u affettivament fir-relazzjonijiet ta' bejnietkom bħala miżżewġin.

Hawn ċerti nisa li mhux biss jittraskuraw ir-relazzjonijiet sesswali ma' l-irġiel tagħhom, anzi talli jirrifjutawlhom il-jedd taż żwieġ b'inkejja li toqtolhom, tinfiskjahom u tifforoċjahom. F'dan il-każ, ma ngħidx li l-irġiel ta' dawn in-nisa qed jagħmlu sew jekk ifittxu apposta l-pornografija fuq it-televixin, *internet, rotocalchi* jew rivisti. Iżda, sa ċertu punt ma tagħtihomx tort sa barra jekk ifittxu ċerti xeni oġġezzjonabbli jekk mhux erotiċi fuq il-media li semmejt, ġaladarba marthom m'hiex tagħtihom dak li għandhom dritt għalih fiż-żwieġ. Naturalment dan qiegħed ngħidu mill-aspett uman. Mill-aspett morali qatt m'għandhom jirrikorru għal dak li hu ħażin biex jieħdu dak li hu tagħhom. Dawn l-irġiel ikunu qed jixxenqu għal dawk l-affarijiet ta' għajb ħtija tal-mara tagħhom stess. Din tkun għalqet għajnejha fuq valur fiż-żwieġ, li mhux suppost ma tikkalkulahx sa ma l-mewt tifridha minn żewġha. F'dan il-każ, ma tkun għaqlija xejn, għax tkun qed titfa' 'l żewġha f'ħalq il-lupu bl-inkejja tagħha. Dan hu dnub kbir għax tkun qed tikser il-jeddijiet taż-żwieġ.

Irġiel miżżewġa, imċaħħdin mill-jedd taż-żwieġ b'indifferenza jew b'inkejja min-naħa ta' marthom, żgur isibu ruħhom fit-tentazzjoni bl-okkażjonijiet ta' min irid ifittixhom. Ċerti rġiel diffiċli ħafna jevitaw dawn l-affarijiet jekk ma jkunux qed jikbru sesswalment, aħseb u ara jekk ma jkunux f'posthom intimament ma' marthom, dejjem naturalment kif irid Alla. Illum, kif nafu, biżżejjed tagħti daqqa b'sebgħek fuq *key* tat-tistiera tal-kompjuter biex issib kulma trid, it-tajjeb u l-ħażin, il-qaddis u l-orribbli.

Jekk, kif diġà għidtlek, inti ġusta u onesta ma' żewġek fejn jidħlu d-dmirijiet tiegħek f'dik li hi ħajja ta' mħabba intima, nara li għamilt tajjeb mhux biss li waqaftlu u għamiltlu xenata, imma saħan-sitra li pprivajtu mill-att taż-żwieġ. Dan ma tistax tagħtihulu, sew meta inti m'intix f'postok psikoloġikament u emozzjonalment miegħu. Madankollu trid toħroġ minn din is-sitwazzjoni perikoluża, billi toqgħod attenta ħalli l-affarijiet ma tkabbarhomx iżjed milli huma, għax inkella dan ikun ta' dannu għaż-żwieġ tagħkom. Fl-aħħar mill-aħħar, trid taħfirlu ġenerożament, jekk tħobbu tassew, kif nemmen ħafna li tagħmel. L-imħabba tibqa' taħdem anki fl-iebes tal-ħajja, għax hu proprju hawnhekk li trid turi x'issarraf u mhux f'ċirkostanzi faċli.

La ktibtli u ftaħt qalbek miegħi dan ifisser li diġà bdejt tibred mir-rabja li ħakmitek. Ibqa' ċerta li minn hawn u ftit ieħor terġa' tiġi għan-normal ma' żewġek, jekk ma jiddispjaċikx ukoll li tkun intrefajt minnu. Meta terġa' ssib ruħek hekk, fittex li tiġbdu dejjem lejk iżjed minn qatt qabel, ħalli qatt iżjed ma jkollu għax jixxennaq għal dak li jista' jferi l-fedelà fiż-żwieġ.

M'hemx għaliex ngħidlek biex qatt iżjed ma ssemmilu dak li qbadtu jagħmel ftit ilu bil-lejl, meta qomt għal għarrieda u sibtu jara dak li mhux suppost. ❑





P. Philip Cutjar OFMCap

# "Il-Preżenza Soċjali tal-Knisja"

## Istruzzjoni teoloġika-pastorali maħruġa mill-Konferenza ta' l-Isqfijiet ta' Kuba – 8 ta' Settembru 2003

**IL-ĦAMES PARTI**

### Ħtiġiet neċessarji għat-tiġdid

F'din is-sezzjoni l-Isqfijiet Kubani joffru xi proposti għal soluzzjoni tal-problemi eżistenti f'Kuba, fosthom:



### 1. Il-libertà reliġjuża

Il-libertà reliġjuża ma tikkonsistix biss fil-libertà għall-kult, jiġifieri li tkun ħieles li tmur il-knisja biex tiċċelebra s-sagramenti u titlob, imma wkoll:

a) li l-Knisja jkollha aktar aċċess u spazju b'mod anke ġuridiku biex tkun preżenti fil-ħajja soċjali;

b) li l-insara jingħataw aktar spazju sabiex jipparteċipaw b'mod attiv fil-ħajja politika, trejdjunjonistika u professjonali bil-posibbiltà li jġibu 'l quddiem il-valuri ta' l-etika nisranija;

c) li jiġi rikonoxxut id-dritt li l-Knisja għandha sabiex tibni tempji, li tiġi faċilitata s-sistema sabiex saċerdoti u reliġjużi jidħlu fil-pajjiż bħala missjunarji, li l-Knisja jkollha aċċess għall-użu tal-mezzi ta' komunikazzjoni u tal-preżenza naturali tal-Knisja fil-qasam ta' l-edukazzjoni.

### 2. Il-għaqda tal-poplu Kristjan

Bil-għan li niżvolgu l-missjoni tagħna hemm bżonn li bħala nsara nżommu l-għaqda ta' bejnietna, ikomplu jgħidu l-isqfijiet Kubani fid-dokument tagħhom ippubblikat nhar it-8 ta' Settembru 2003, fl-okkażjoni tal-festa tal-Vergni Marija tal-Karità, patruna ta' Kuba. Din il-għaqda li hija don ta' Alla għall-umanità kollha għandha tidher mhux biss bejn l-insara bejniethom imma wkoll bejn l-insara u l-mexxejja tagħhom.



*Il-Papa flimkien ma' Fidel Castro waqt iż-żjara tiegħu f'Kuba.*

Din il-għaqda m'għandniex inżommuha bil-għan li noħolqu xi forza ta' reżistenza kontra xi ħadd, imma bħala xiehda ta' mħabba u ta' twemmin wieħed bħala xiehda li l-fidi nisranija qiegħda hemm sabiex tgħaqqad u mhux tifred.

### 3. L-impenn tal-poplu nisrani għar-rikonċiljazzjoni tas-soċjetà

Il-Knisja Kattolika tħoss l-obbligu morali li tieħu bl-akbar serjetà u sens ta' responsabbiltà l-impenn li twettaq il-missjoni sħiħa tagħha favur il-poplu Kuban. U f'dan l-impenn l-isqfijiet ta' Kuba jħossu li għandhom jagħtu prijorità lejn il-ħtieġa tar-rikonċiljazzjoni bil-għan li tfejjaq il-feriti li nħolqu matul l-istorja u li għadhom hemm sa llum. Din ir-rikonċiljazzjoni mhix limitata biss għall-poplu Kuban li qed jgħix fil-pajjiż imma wkoll għall-eluf li ħarbu mill-pajjiż. Dawn u dawk, f'għaqda bejniethom mibnija fuq l-imħabba, għandhom jaħdmu flimkien għal Kuba dejjem aħjar.

### 4. Nibnu t-tama

Il-Papa sitt snin ilu kien ġie Kuba bħala "Messaġġier tas-Sewwa u tat-Tama". L-isqfijiet Kubani jinnutaw li mill-miġja tal-Papa f'Kuba din it-tama naqset, il-poplu qed jaqta' qalbu u jfittex soluzzjonijiet żbaljati. Għalhekk, f'dan id-dokument, l-isqfijiet jistiednu lill-Kubani kollha sabiex jibnu mill-ġdid it-tama tagħhom, tama ġejja mill-fidi f'Ġesù Kristu li rebaħ lid-dnub u rebaħ lid-dinja (1 Ġw 4).

## Għeluq

Fl-għeluq ta' dan id-dokument ta' Istruzzjoni Teoloġika-Pastorali l-isqfijiet Kubani esprimew il-ħajr tagħhom għall-appoġġ li kontinwament il-Vatikan jagħti lill-Knisja f'Kuba, filwaqt li jaffirmaw l-għaqda tagħhom mas-Santa Sede b'mod partikulari mal-Papa. Huma jroddu ħajr ukoll għas-solidarjetà li l-Knisja Kattolika fl-Ewropa, fl-Istati Uniti ta' l-Amerika u tal-Kontinent Latin Amerikan dejjem taw u għadhom qed jagħtu lill-Knisja f'Kuba.

Fl-aħħar paragrafi ta' dan id-dokument l-isqfijiet Kubani, filwaqt li jpoġġu l-futur ta' Kuba f'idejn il-Verġni Marija tal-Karità, patruna ta' Kuba, iħeġġu lill-Kubani kollha għall-kuraġġ li huwa garanzija għall-ħajja aħjar u mhux inqas għall-fedeltà sħiħa għas-sewwa bħala strument sabiex ngħixu s-sejħa tagħna bir-rispett sħiħ lejn id-dinjità umana.

*Nittama li dawn l-artikli li offrejtilkom dwar id-dokument ippubblikat mill-Konferenza ta' l-isqfijiet Kubani serva lill-qarrejja kollha bħala istruzzjoni teoloġika-pastorali dwar l-identità tal-Knisja fil-ħajja soċjali u politika tal-pajjiż u wkoll sabiex wieħed jifhem is-sitwazzjoni preżenti ta' Kuba fir-relazzjoni tagħha mal-Knisja u fejn jidħlu d-drittijiet umani flimkien ma' xi soluzzjonijiet li dawn qed joffru b'pass pożittiv għal Kuba aħjar.*

*B'dawn ir-riflessjonijiet quddiemna ma niqfux nitolbu għall-Knisja f'Kuba.* ❑

*Fr. Philip flimkien ma' parruċċani Kubani*



P. Frans Abela OFMCa

# Franġisku inkulturat mill-Evanġelju u prattikanti tiegħu

L-EWWEL PARTI

***Kull ma għedt f'din is-sensiela ta' kitbiet sa mill-ħarġa ta'din ir-rivista ta' Marzu 2001 'l hawn fuq Franġisku t'Assisi, realizzatur ġenjali u sħiħ ta' l-ideal evanġeliku, jista' jiġi miġbur f'żewġ sentenzi: Franġisku ġie inkulturat mill-Evanġelju: Franġisku ppriedka l-Evanġelju billi pprattikah. Tolqot iżjed meta tipprattika dak li tippriedka milli meta tippriedka bil-fomm biss.***



## Franġisku inkulturat mill-Evanġelju

Inkulturazzjoni tfisser sitwazzjoni iebsa ta' adattament ta' min isib ruħu li jrid jgħix u jaħdem f'żona differenti milli fiha twieled, trabba u trawwem. F'sitwazzjoni bħal din, jekk hu ma jridx jibqa' mġenneb jew iħoss ruħu maqtugħ mill-ambjent ġdid li fih beda jgħix, ikollu bilfors u mhux mingħajr tbatija jidħol f'dik il-kultura, f'dik il-mentalità, fl-użanzi tal-ħajja ta' kuljum u jibda jitħaddet ukoll l-ilsien tal-post li ġie milqugħ minnu. Però l-inkulturazzjoni iebsa mhix dik li per eżempju Malti jmur jgħix fil-Lvant Imbiegħed jew f'art musulmana, imma pjuttost dik li ġġegħelna nagħmlu l-qabża minn kif naħsbuha ta' bnedmin tad-dinja, għall-mod ta' kif jaħsibha l-Imgħallem Divin tagħna Ġesù Kristu. ***"Intom minn hawn isfel u jiena ġej minn hemm fuq. Intom nies ta' din id-dinja, imma jien m'iniex ta' din id-dinja"*** (Ġw 8:23). Din it-tieni xorta ta' inkulturazzjoni hi tant diffiċli li saħansitra l-istess nies li fi żmien Ġesù kienu midħla tiegħu spiss ġew imċanfrin minnu bħala insensibbli u barranin għall-mod kif kien jaħsiba u jgħix hu. Araw x'ħatfa ħataf lil Pietru: ***"Itlaq minn quddiemi ja xitan, għax m'intix tqis il-ħwejjeġ t'Alla, imma qiegħed taħsiba ta' bniedem li int"*** (Mt:16:23). U l-ħatfa l-oħra lil ulied Żebedew: ***"Ma tafux x'intom titolbu"*** (Mk 10:38).

Għall-kuntrarju, Franġisku jaċċetta u jilqa' bil-qalb it-tibdil ta' taħt fuq li l-inkulturazzjoni titlob u li f'lingwaġġ evanġeliku jfisser 'konverżjoni', b'formola ħelwa użata mill-biografi tiegħu... dak li qabel deherli li hu mrar, inbidilli fi ħlewwa tar-ruħ u għall-ġisem *(Testment ta' San Franġisk).* Wasal għal din l-esperjenza tal-bdil ta' l-imrar fi ħlewwa wara dan il-fatt li se nsemmi.

Darba waħda waqt li Franġisku kien qed jitlob bi ħrara kbira lill-Mulej, sema' min jgħidlu: *"Franġisku jekk trid tkun taf x'inhi r-rieda tiegħi, kulma għandek tagħmel hu li tibda tistmerru u tobgħod dak kollu li d-dinja tħobb u tixtieq li jkollha. Meta tkun bdejt iġġib ruħek hekk, tibda tqis insopportabbli u mimli mrar dak li qabel kien jiġbdek u jaffaxxinak għax it-tlettix tiegħu jisraqlek qalbek, filwaqt li dak li qabel kont tistmerru u jimbuttak jibda jiġik ħelu u bnin immens"* (L 3 SM). ❑

# Kunsill Nazzjonali Ġdid għall-Franġiskani Sekulari f'Malta

L-Ordni Franġisan Sekular ta' Malta għadu kemm eleġġa l-Kunsill Nazzjoni li għandu jmexxi l-Ordni F'Malta għat-tliet snin li ġejjin.

Dan sar waqt il-Kapitlu elettiv Ġenerali li l-Ordni organizza bejn is-Sibt 22 u l-Ħadd 23 ta' Mejju 2004 fid Dar ta' l irtiri ta' Porzjuncola f'Baħar iċ-Ċagħaq.

l-Kapitlu kien organizzat taħt il-presidenza ta' Signor Benedetto Lino fl-assenza tal-Ministru Ġenerali Internazzjonali u Patri Michael Higgins tat-T.O.R.





Bħala l-Ministru Nazzjonali l-ġdid ta' l-Ordni Franġiskan Sekulari kien elett Godwin Vella Clark, waqt li Tessie Gatt intgħażlet bħala Viċi Ministru. Is-Segretarju tal-Kunsill Nazzjonali neo-elett huwa Joe Caruana, waqt li Franca Zammit kienet eletta bħala Ekonoma. Joyce Zammit hija d-Direttur tal-Formazzjoni, waqt li Charles Grech intgħażel bħala Kunsillier Internazzjonali.

Joe Cassar, Judith Gatt u Evelyn Vella Clark kienu eletti bħala membri tal-Kunsill.

Il-Kunsill Nazzjonali huwa mmexxi flimkien mat-tliet Assistenti Nazzjonali, Patri Frans Abela Giusti OFMCap, Patri Alex Borg OFM u Patri Joe Mamo OFMConv.

Waqt il-laqgħa li eleġġiet il-Kunsill Nazzjonali ġdid, kienu preżenti 30 delegat mill-Fraternitajiet ta' Malta u Għawdex flimkien ma' l-Assistenti Spiritwali.

L-Ordni Franġiskan Sekulari huwa moviment ta' rġiel u nisa li jippruvaw iħarsu l-Evanġelju billi jimxu fuq l-eżempji u t-tagħlim ta' San Franġisk t'Assisi, li fl-imġiba ta' ħajtu lejn Alla u lejn il-bnedmin għamel lil Kristu l-ħsieb u l-qofol ta' kollox.

F'Malta hawn madwar 500 membru profess u dawn jinsabu mxerrdin f'għaxar fraternitajiet madwar Malta u Għawdex.

Kull min hu interessat u jixtieq jikseb iżjed informazzjoni dwar l-Ordni Franġiskan Sekulari (OFS) jista' javviċina lil xi saċerdot Franġiskan jew jibgħat e-mail lil Charles Grech fuq cgrech@maltanet.net

# Laqgħa ta' Formazzjoni u ta' ringrazzjament lil P. Krispin Tabone

Għal dawn l-aħħar xhur, il-Fraternità OFS tal-Kalkara bdiet torganizza laqgħat ta' formazzjoni kull l-aħħar Tlieta tax-xahar. Dawn il-laqgħat ikunu ppreparati u mogħtija minn xi ħadd mill-aħwa tal-Fraternità stess. Is-suġġett idur dejjem mal-Kariżma Franġiskana, Spiritwalità tal-OFS, il-ħajja ta' Missierna San Franġisk u spiritwalità tal-qaddisin tagħna bħala OFS. Dawn jiġu magħżula mill-membri tal-kumitat flimkien ma' l-assistent Spiritwali tagħna Patri Franco Fonoch OFMCap minn sitt xhur qabol waqt laqgħa tal-kumitat li ssir apposta.

Għal-laqgħa tax-xahar ta' April, il-kumitat ħass li kellu jistieden lill-Provinċjal Patri Krispin Tabone OFMCap bħala rikonoxximent li ta lill-OFS, partikolarment lill-Fraternità tal-Kalkara, matul iż-żmien tal-provinċjalat tiegħu. Il-laqgħa saret nhar it-Tlieta 25 ta' April. Is-suġġett tal-laqgħa kien dwar l-ispiritwalità ta' Santa Klara. Wieħed minn ħutna, Salvu Scerri, ippreparа din il-laqgħa li fiha spjega tajjeb ħafna l-qawwa u d-determinazzjoni ta' din il-mara li kienet issejjaħ lilha nnfisha l-pjantiċella ta' San Franġisk.



Ħareġ anki eżempj konkreti kif aħna nistgħu mhux biss nammiraw imma nimitaw lil Santa Klara fil-ħajja tagħna ta' kuljum.

Wara l-laqgħa, oħtna Tessie Gatt, viċi ministru tal-Fraternità, qrat messaġġ ta' merħba u ringrazzjament lill-Provinċjal, Patri Krispin, li fih urlet, f'Islmna lkoll, l-apprezzament għal dak li għamel magħna tul dawn l-aħħar sitt snin.

Wara l-messaġġ, P. Krispin għamel il-kelmtejn tiegħu u kompla jħeġġiġna biex insaħħu lambjent ta' madwarna billi aħna ngħixu ta' Franġiskani awtentiċi kull fejn inkunu.

*Fir-ritratt ta' fuq jidher P. Krispin Tabone flimkien ma' l-udjenza jisma' t-taħdita fuq Santa Klara.*



# Nitkellmu ma' *P. Lawrenz Briffa* OFMCap

***Patri Lawrenz, naf li inti minn Ħaż-Żebbuġ. X'tiftakar mill-ambjent li fih trabbejt u kif kien ir-raħal fi żmienek?***

Tfuliti għaddejtha fil-familja ma' ħuti, kollha ikbar minni. Missieri u ommi rabbewna fuq sisien f'saħħithom ħafna tal-ħajja nisranija. Missieri kien jaħdem il-ħelu, u ż-żmien kien imqassam bejn knisja u talb, studju u skola, u għajnuna fix-xogħol ta' missieri.

***Kont tattendi f'xi Għaqdiet reliġjużi fi tfulitek? X'kienet l-influwenza li ħallew fik?***

F'Għaqdiet reliġjużi qatt ma kont, iżda x-xejra tal-familja, bil-qdusija ta' missieri u ommi fl-egħmil iktar milli fil-kliem, kienet daqskieku għaqda reliġjuża għalina. It-taghlim qaddis ta' missieri u omm għadu jmexxini s'issa.

***Kif inġbidt lejn il-Patrijiet Franġiskani Kapuċċini? Jiġifieri kif ħassejt is-sejħa li Alla qed isejjaħlek biex tidħol reliġjuż?***

Ma naħsibhiex darbtejn biex ngħidlek: "Ma nafx!" Naf biss li ta' xi erba' snin lil min kien isaqsini: "X'se ssir la tikber?", bla tħassib u b'kelma qawwija kont inwieġbu: "Kapuċċin!" bla ma kont naf x'inhuma dawn l-imbirkin Kapuċċini. Il-Mulej ma jsejjaħx lil kulħadd bħal xulxin.

***X'kien dak li laqtek f'dawn il-Patrijiet?***

Fi tfuliti kont naf xi Patrijiet Kapuċċini xjuħ u qaddisin, bħieb ta' missieri, li kienu jiġu sikwit id-dar, u dejjem laqtuni d-dehra ħarxa ta' faqar, il-ħeġġa fit-talb u l-għotja tagħhom infushom għall-ġid ta' kulħadd bla ma jħarsu lejn il-wiċċ. Insemmi lil Patri Stiefnu, għadu mimli bl-għomor, li fl-eżerċizzi tar-randan, li dak iż-żmien kienu jilbsu xbieha tal-Mislub imdaħħla ġol-kurdun huma u jagħmlu l-prietka, kien iħalli s-salib niħodlu ħsiebu jien sakemm idumu l-eżerċizzi. Ma ngħidx li dan kollu ma kienx it-tisqija taż-żerriegħa li l-Mulej kien żara' fija.

***Meta qaddist u x'kienu l-ħidmiet tiegħek fi ħdan il-Provinċja tal-Franġiskana Kapuċċina f'Malta?***

Qaddist fit-22 ta' Marzu ta' l-1969. Meta ġejt lura Malta l-ewwel darba mill-Itjopja, kont nieħu ħsieb in-nies tal-Belt il-Ġdida, il-Marsa, u mbagħad meta fetaħ in-novizzjat Għajn Dwieli, fl1979, bagħtuni hemm, fejn kelli nieħu ħsieb il-knisja u kont waqqaft kor tal-bniet, u kont ukoll segretarju tal-Provinċjal. Kont ukoll għal sentejn kappillan l-isptar Zammit Clapp. U issa ili disa' snin San Ġwann nieħu ħsieb l-Abbatini.

***Naf li għamilt xi żmien fil-Missjoni. tista' tagħtina xi ħjiel dwar kif ħassejt li għandek tħalli lil Malta u tmur xxandar il-Kelma t'Alla f'artijiet tal-Missjoni?***

L-eżempju ta' ħafna missjunarji kien minn ċkuniti jqanqalni biex nagħmel bħalhom jien ukoll u mmur ngħin għat-tixrid tal-Kelma t'Alla fejn mhemmx nies biżżejjed li jwassluha. Meta minnufih wara li qaddist, il-Provinċjal Patri Franġisk Azzopardi wrieni li ried jibgħatni nistudja l-missjoloġija, għax kien ra fija x-xewqa tal-Missjoni, kienet għalija l-aħħar tafgħa li kien jonqosni, u wasalt.

***X'kien ix-xogħol tiegħek hemmhekk?***

L-Art tal-Missjoni tiegħi kellha tkun l-Itjopja, l-Art tas-Salib Imqaddes. Wara li għamilt il-kors fil-missjoloġija, mort l-Itjopja fil-parroċċa internazzjonali ta' San Salvatur ma' Patri Krispin Tabone, li kien is-Superjur, u ħutna l-oħra li kienu hemm qabli, kont ngħin fix-xogħol pastorali u ngħallem l-istudenti tagħna. Wara xi snin li kont ġejt lura Malta mort it-tieni darba l-Itjopja Segretarju ta' l-Isqof Kapuċċin Domenico Marinozzi fil-vigarjat Apostoliku ta' Soddo-Hosanna, u kappillan tal-katidral tat-Trinità Qaddisa. Wara sentejn li kont ġejt lura Malta, għat-tielet darba ġejt mitlub mill-viċi Provinċjal Patri Leonardo Serra narġa' lura lejn l-Itjopja nieħu ħsieb dawk li jitkellmu bl-Ingliż fil-parroċċa ta' San Salvatur, u ngħallem is-seminaristi.

***Il-qaddisin u beati Franġiskani speċjalment dawk ta' l-Ordni tagħna huma għal qalbek għaliex huma xempju ta' kif aħna bħala reliġjużi nistgħu ngħixu l-ħajja tagħna skond is-sejħa ta' l-Evanġelju. Iżda, Sant Veronka Giuliani, qaddisa Kapuċċina, donnha għandha bħala seher fuqek. Fi ftit kliem, x'taħseb li hu l-messaġġ li din il-qaddisa tista' toffri lill-bniedem tal-lum li qed jgħix f'kultura ta' dlam u mewt?***

Ma jistax ikollna mera ta' qdusija aħjar minn dik ta' dawn ħutna li għexu l-ħajja Franġiskana Kapuċċina qabilna, u nżid: biex iġbduna warajhom lejn Kristu Mislub. Jien ▶

# Aħbarijiet mill-Kenja

## Ordinazzjoni Saċerdotali

**Fr Walter Orang'o Sibwoga** jirċievi l-Ordinazzjoni Saċerdotali fil-parroċċa ta' Rangenyo minn Mons. Joseph Mairura Okemwa, Isqof ta' Kisii, il-Kenja, nhar is-7 ta' Mejju 2004. Għal din iċ-ċelebrazzjoni ħadu sehem għadd sabiħ ta' Kapuċċini Kenjani mmexxija minn Patri Isidor Paterson, il-Viċi Provincjal fil-Kenja. L-ewwel ħidma pastorali ta' Fr Walter se tkun fis-Seminarju (Dar ta' formazzjoni) f'Umoja u Viċi Kappillan fil-parroċċa ta' Mpeketoni. Ad multos Annos.



## Wegħdiet Perpetwi



Br Peter Mwanzia, student Franġiskan Kapuċċin Kenjan, fix-xahar t'Awissu 2004, se jwiegħed għal ħajtu kollha li jgħix il-Voti Reliġjużi, l-Ubbidjenza, il-Faqar u ċ-Ċelibat, permezz ta' Wegħdiet Perpetwi. Iċ-ċelebrazzjoni se ssir waqt Ewkaristija fis-Seminarju KapUċċin f'Lang'ata, Nairobi.

## L-Isqof ta' Garissa f'Malta



Mons. Pawlu Darmanin OFMCap., Isqof tad-Djoċesi ta' Garissa, il-Kenja, se jieħu sehem fis-VI Kongress għas-Saċerdoti mid-dinja kollha li se jsir f'Malta mit-18 sat-23 t'Ottubru 2004. Għandu jasal fostna mill-Kenja lejn tmiem Settembru. Nawgurawlu parteċipazzjoni fejjieda u mistrieħ mistħoqq.

## P. Manwel Barbara għal jiem ta' mistrieħ



Matul ix-xhur ta' Ġunju u Lulju kien hawn fostna P. Manwel Barbara OFMCap, missjunarju fil-Kenja għal ftit ta' ġranet ta' mistrieħ. Issa reġa' lura biex ikompli l-ħidma tiegħu ta' Professur fl-Università Kattolika ta' l-East Africa (Cuea) li tinsab f'Nairobi, il-Kenja. Barra din il-ħidma b'riżq il-ġejjieni tal-Knisja Afrikana f'dik li hi thejjija għas-saċerdoti u lajċi mpenjati, P. Barbara jwettaq ukoll ħidma pastorali fost diversi Kongregazzjonijiet reliġjużi fil-Kenja. Nawgurawlu u nitolbu għalih fil-Missjoni li għandu.

## L-għomja jaraw



Mons. Francis Baldacchino, Isqof ta' Malindi, għarrafna li bejn il-25 t'April u l-1 ta' Mejju, grupp ta' tobba ta' l-għajnejn żaru l-irħula qrib il-klinika tal-parroċċa ta' Wema, u raw 400 pazjent. Lil xi wħud tawhom xi mediċina, oħrajn nuċċalijiet u 87 ħaduhom fil-klinika tal-Missjoni u neħħewlhom il-katarretti. Għal Ġunju dawn it-tobba għandhom jagħmlu l-istess fil-parroċċa ta' Lamu, f'Awissu fi Mpeketoni u f'Ottubru f'Malindi. L-Isqof jiżżi ħajr il-benefatturi kollha.

quddiem il-Qaddisin u l-Beati ta' l-Ordni tagħna, bil-qari ta' ħajjithom u mistagħġeb bl-għotjiet hekk għoljin li tahom il-Mulej u li mlew il-Knisja bil-qdusija f'kull żmien, u bil-ħeġġa u l-kotra tal-qalb li biha wieġbu għas-sejħa tagħhom, dejjem ħassejt li dawn huma l-imgħallmin tagħna fid-dell ta' l-Imgħallem il-wieħed tagħna Kristu.

Dwar il-bażużla tiegħi Veronka Giuliani, ma ngħid li għandha ebda seher fuq, għandha biss ġibda ta' mħabba li ma tistax tiqfilha li biha saret Kristu ieħor f'kollox minbarra li hu Alla. Il-kultura ta' dlam u mewt kienet diġà tinħass sew fi żmienha, iktar minn mitejn u sebgħin sena ilu, iżda, bi qlubija u mħabba lejn il-Mislub li tgħaġġbek għal elf darba, dejjem imxiet bil-'kultura' tad-Dawl u tal-Ħajja: Ġesù Kristu. Bi tbatijietha bi tpattija għal dnubietna, id-Dawl fid-dinja tal-lum qed jiddi ħafna iktar, u l-Ħajja qed tgħajjex lil ħafna iktar ulied Alla. Din l-għalliema tas-sebħ tas-Salib trid tgħallimna li mhemmx triq oħra għall-Ġenna ħlief it-triq tas-Salib meta nimxuha bil-ferħ ma' Kristu, li għadu qed isejħilna niċċaħħdu minna nfusna, nerfgħu salibna u nimxu warajh. ❑

## L-Ewwel laqgħa taċ-CENOC

Mill-5 sad-9 ta' Mejju 2004, saret l-ewwel laqgħa taċ-CENOC li hija l-konferenza ġdida ta' l-Ordni tagħna li tagħha l-Provinċja tagħna qed tagħmel parti flimkien ma' l-Irlanda, l-Ingilterra, il-Belgju, l-Olanda, Franza, Bavarja, Monaco, Vjenna, North Tirol, South Tirol, l-Iżvizzera u Malta. Għal din l-ewwel laqgħa li saret f'St. Maurice, l-Isvizzera, il-Provinċja tagħna kienet rappreżentata minn Ħuna Joe Alessandro. Min-naħa tal-Kurja Ġenerali kien preżenti Ħuna Ephrem Bucher, Definitur Ġenerali għall-lingwa Tedeska. Matul din l-ewwel laqgħa ġie magħżul il-Kunsill Presidenzjali li fih Ħuna Peter Rodgers, Provinċjal ta' l-Irlanda ġie magħżul President; filwaqt li Ħuna Josef Mittermaier, Provinċjal ta' Monaco fil-Ġermanja ġie magħżul bħala Viċi-President. Is-Segretarju tal-Konferenza huwa Ħuna Dominiek Desplentere mill-Provinċja -Belga. Ġew iffurmati tliet *sub-groups* li se jibdew jiltaqgħu għalihom ukoll darba fis-sena. Is-*sub-group* tagħna huwa ffurmat minn erba' provinċji: l-Ingliżi, l-Irlandizi, il-Franċiżi u Malta. Matul din l-ewwel laqgħa saret żjara lill-*Franciscan International* f'Ġeneva fejn f'żewġ *lectures* ġie spjegat kif taħdem din l-organizazzjoni billi tiġbor tagħrif u tippreżenta l-ilmenti lill-Ġnus Magħquda. Fil-laqgħat li jmiss fil-futur ġie propost li jibdew jigu diskussi punti bħal l-identità kapuċċina; l-unità u d-diversità fil-fraternitajiet tagħna; il-*gap* bejna u l-kultura ta' madwarna; il-fidi ta' l-Aħwa; il-formazzjoni u vokazzjonijiet; is-support ta' l-Aħwa l-aktar dawk bi problemi.



*Il-Provinċjali li ħadu sehem għal din l-ewwel laqgħa taċ-CENOC. Ħuna Joe Alessandro li rrappreżenta l-Provinċja tagħna jidher fit-tieni filliera, it-tielet mil-lemin*

## Kantata fuq l-istorja tal-Marsa



*Ħuna Anton Briffa [fuq ix-xellug] jirċievi rikordju ta' l-okkażjoni mill-Onor. Dr Francis Zammit Dimech*

Nhar is-Sibt, 22 ta' Mejju 2004, fit-Teatru ta' l-Istitut Kattoliku fil-Floriana, il-Każin tal-Banda *Holy Trinity Band Club*, tella' programm biex ifakkar l-għaxar snin mill-ftuħ tal-Każin il-ġdid fi Triq Balbi u biex jiffesteġġja għeluq it-tmenin sena tal-President, is-Sur Anton Cassar. F'dan il-programm il-banda daqqet siliet minn opri liriċi. Wara l-intervell indaqqet għall-ewwel darba il-Kantata *Il-Marsa*, kliem ta' Anton Cassar u muzika ta' ħuna Anton Briffa, li għex u serva għal ħafna snin fil-Parroċċa tat-Trinità Qaddisa, il-Marsa. Din il-Kantata hija mqassma f'ħames movimenti. Hija tiftaħ u tagħlaq b'motiv meħud mill-Antifona tat-Trinità miktuba minn ħuna Anton stess. F'din il-Kantata ħa sehem it-Tenur Vincent Farrugia flimkien mal-Kor Marie Therese Voice Studio li tħejja mill-kantata lokali Marie Therese Vassallo. Dan il-kunċert sar taħt il-patriċinju ta' l-Onorevoli Ministru tat-Turiżmu, Arti u Kultura, Dr Francis Zammit Dimech.

## Fr. Joseph Calleja OFMCap jiggradwa fil-*Eurpean Certificate for Psychotherapists*

Fr Joseph Calleja OFMCap, fix-xahar ta' Ġunju, iggradwa fil-*European Certificate for Psychotherapists*. Dan hu Ċertifikat li jingħata mhux biss wara l-korsijiet akkademiċi meħtieġa li jwasslu għal *degree* fix-xjenzi umani, imma wkoll wara sitt snin prattika fil-qasam tal-*counselling* u l-psikoterapija. B'dan iċ-ċertikat Fr Joseph jidħol bħala membru **kliniku bil-*boards tal-European Association for Psychotherapists*** u fil-***Malta Association of Psychotherapist.*** Filwaqt li nifirħulu, inkomplu nawgurawlu ħidma fejjieda fil-għalqa tal-Mulej.



# Patri Remiġju Galea OFMCap

## *Jiċċelebra l-40 Anniversarju ta' l-Ordinazzjoni Saċerdotali tiegħu*



Patri Remigio Galea, Kapuċċin, iċċelebra l-40 Anniversarju mill-Ordinazzjoni Sacerdotali tiegħu f'għaqda mal-Provinċjal Fr Joe Alessandro OFMCap u għadd ta' Sacerdoti oħrajn f'Ewkaristija solenni li saret fis-Santwarju tal-Madonna tal-Grazzja, fil-kunvent tal-Kapuċċini, ir-Rabat, Għawdex, nhar il-Ħadd, 30 ta' Mejju 2004. Fost l-għadd ta' nies li ħadu sehem f'din iċ-ċelebrazzjoni ta' radd il-ħajr lil Alla kienu preżenti wkoll ħutu li jgħixu l-Awstralja.

Matul l-omelija, l-Arċipriet tax-Xewkija, Mons. Karm Mercieca, niseġ b'ħafna galbu l-vokazzjoni nisranija msarrfa fil-ħajja Franġiskana Kapuċċina. Spikkat ferm tajjeb il-ħidma ta' l-Aħwa Kapuċċini fl-impenji tagħhom f'Malta, partikularment fost ambjenti ta' tbatija.

Patri Remigio Galea mwieled f'Sannat, Għawdex, ingħaqad ma' l-Ordini Franġiskan Kapuċċin f'Ottubru 1955, u ordnat Saċerdot fit-23 ta' Mejju 1964.

---

## P. Remiġju Galea OFMCap 40 SENA SAĊERDOT

*minn Kav. Joe M. Attard*

Jgħaddi ż-żmien, jitgerbeb, jaħrab,
Ma jistenna żgur lil ħadd.
Din il-għodwa l'int se tfakkar
Ma tinsieha qatt u qatt!

Erbgħin xitwa gew u marru
Mindu tlajt taraġ l-artal
Niftakrek żagħżugħ fuq tiegħek
B'moħħ ir-riħ, tiġri mat-tfal.

Iżda hekk kif bdejt titfarfar
Xi ħadd tefa' ħarstu fuqek;
Kien il-fqajjar minn Assisi
Illi beda dlonk isuqek.

Int weġibt għas-sejħa tiegħu
W inbdilt f'raħeb Kapuċċin,
Ħadt il-voti, għedt lid-dinja
Jien ħallejtek! Saħħa xbin!

L-aqwa kenn sibtu f'Marija,
Omm imżejna b'kull virtù,
Din il-Omm mimlija grazzja
L-Omm li tatna lil Ġesù.

Żewġt għexieren għaddew issa
Mindu inti qbadt dit-triq;
Żgur li l-ħajja offrietlek bosta –
Bomblu risq; xi ftit għollieq!

B'xortik tajba din is-sena
Nifirħu mas-Sannatin
Margerita - Ċentinarju –
Għalin' itlob, midinbin!

Kultant jien narak itħabbat
Fuq il-bieb ħelu tal-Muża,
U fil-ġranet xi ftit kiebja
Titbissimlek din gustuża!

Ħafna minn dal-ħżuż ta' qalbek
Ġew midmuma wkoll fi ktieb
Biex il-versi tiegħek jibqgħu
Tagħna lkoll jgħollu l-ħsieb.

Min jaf kemm bil-kelma tiegħek
Farraġt qlub fl-isptarijiet!
Lilhom tmajt b'ta' Kristu l-Ġisem –
Fuq wiċċhom tbissima ġiet!

Fuq il-pulptu tlajt mhux darba
Sabiex twassal il-messaġġ
Lil tant qlub għatxana għal kelma
Lilhom timla bil-kuraġġ.

Jalla din il-festa għażiża
Ta' l-Ispirtu s-Santu nżul
Ruħ il-Qodos dlonk iseddqek
Għal kemm għomrok għad itul!

Għażiż Patri Remiġ ħuna
Nawgurawlek aktar snin
Forsi għad mill-ġdid niltaqgħu
Biex ngħannilek "Tal-Ħamsin!"

*Jeanette Falzon*

# Stilla minn ġot-tajn

"Għidli ma, għalxiex qatt ma tkellimt? Għalxiex qatt ma għamilt xejn?", staqsiet it-tfajla lil ommha. Iżda baqgħet bla risposta bħas-soltu. Omm Angelica kienet tatha puplesija qawwija li neħħitilha saħansitra l-fakultà li titkellem. Kellha tkun Angelica li ddur b'ommha sa l-aħħar, għaliex it-tliet ħutha l-oħra bilkemm kienu jmorru jżuru 'l ommhom, aħseb u ara kemm kienu se jduru biha f'qiegħ ta' sodda!



Angelica kienet l-iżgħar u l-unika xebba fost erbat itfal. Kienet ilha taħdem ġo kumpanija żgħira għal xi għaxar snin. Hekk kif għalqet it-tmintax-il sena ħarġet taħdem. Id-dar kienet tnaddafha kollha waħidha u ssajjar għaliha u għal ommha. Kienet irrassenjat ruħha li se tqatta' l-kumplament ta' ħajjitha hekk; mix-xogħol għad-dar u mid-dar għax xogħol. Kienet qed tgħix ħajja monotona bi tfulija mkissra.

Min jaf kemm-il darba għaddielha minn moħħha li titlaq mid-dar, tmur tgħix għal rasha u tbiddel kompletament l-istil ta' ħajjitha. Iżda għalkemm m'ommha ma kienet taqbel xejn, issa lilha kellha u ma setgħetx tabbandunaha f'dak l-istat ta' saħħa. Kemm kien ilu mejjet missierha r-responsabbiltà tad-dar kienet waqgħet kollha fuqha, kemm jekk biex tieħu ħsieb u tħallas il-kontijiet, kif ukoll il-manteniment tagħha u t'ommha. Kultant il-ħsibijiet li titlaq 'l bogħod u tabbanduna lil ommha kienu jkunu spissi u b'saħħithom, imma qatt ma kellha biżżejjed kuraġġ biex titlaq, taħrab 'il bogħod biex forsi tinsa u tneħħi minn moħħha dawk is-snin kollha ta' velenu li għexet f'dik id-dar misħuta u vojta. Iżda għalkemm kienet mdejqa, ma setgħetx tkun daqshekk kattiva li tabbanduna 'l ommha stess f'qiegħ ta' sodda u tħalliha tmut bil-mod waħidha. Allura kienet tkompli tissaporti tgħix dik il-ħajja ta' solitudni f'dik id-dar li qatt ma kienet taħmel. Kollox kien jidher li se jibqa' l-istess, sakemm darba bil-lejl, ommha ħassha ħażin bl-ikrah u kellha teħodha l-isptar b'ambulanza. Meta qalulha li ommha ma kienx baqgħalha wisq ħajja, ma ħadithiex bi kbira. Meta t-tabib li ħa ħsieb 'l ommha beda jfaħħarha ta' kemm għamlet m'ommha u ta' kemm ħadet ħsiebha sew, Angelica rrispondietu:

"Jien għamilt xogħli bħalma inti tagħmel xogħlok ma' dawn il-pazjenti



kollha Dott. Li għamilt magħha għamiltu bi dmir u għax tħassartha, għal xejn iżjed, emminni... issa għidli kemm baqgħalha ħajja Dott?"

It-tabib iddedikat, tampar Angelica, deher ixxukjat bi kliem bint dik il-mara marida li tant kien tħassar, u bit-ton li kellmitu hi weġibha:

"Ma nagħtihiex iżjed minn ġimgħa ħajja... nifisha maqtugħ u fuq kollox hi stess qatgħet qalbha, għajjiet."

It-tfajla rringrazzjatu ta' xogħlu u telqet lejn id-dar.

Għal ġimgħa sħiħa Angelica marret iżżur 'l ommha l-isptar sakemm l-anzjana marida mietet. Angelica kellha diġà kollox lest għall-funeral t'ommha.

"Jiddispjaċini għal ommok, batiet ħafna miskina f'ħajjitha, ma stajt nagħmel xejn iżjed għaliha", qalilha l-istess tabib li dar b'ommha fl-aħħar jiem ta' ħajjitha.

"Għamilt iż-żejjed Dott., nassigurak. Sa fl-aħħar ommi qed tistrieħ, aħjar minni li għadni hawn", weġbitu t-tfajla, imdejqa.

"Sinjorina, mhux biex nindaħallek, imma dan il-pessimiżmu kollu żgur mhux se jagħmillek ġid. Veru li għadek kemm tlift 'l ommok, imma..." beda jgħidilha, iżda hi waqqfitu minn kliemu.

"Emminni Dott., iktar qed jiddispjaċik inti għaliha milli jiena u m'għandekx għalfejn. Kellha tmut bħal ma għad irridu mmutu aħna xi darba...se nħallik Dott., grazzi mill-ġdid Dr Flores", weġbitu u telqet lejn id-dar.

Conrad Flores kien għad għandu 30 sena iżda kellu ħafna esperjenza f'xogħlu, speċjalment fil-mard tal-qalb. Kien jgħix għall-professjoni tiegħu u xejn ma kien jinteressah iżjed ħlief xogħlu, sakemm ma l-ħajja jew aħjar il-mewt laqqgħatu ma' din it-tfajla misterjuża, b'għajnejha ċari u mdejqin. Xtaq isir jaf min kienet, joħroġ mill-qoxra li kien rabba madwaru u jiftaħ qalbu għal din it-tfajla bi problemi li kien għadu ma jaf xejn dwarhom.

Idddeċieda li jġib skuża u jċemplilha d-dar iżda ħadd ma kien jirrispondih, sakemm darba rrispondietu mara li qaltlu li kienet xtrat id-dar mingħand tfajla li kienet tgħix waħidha. Qaltlu biss li kienet marret toqgħod ġo raħal ieħor fi triq partikolari, u l-għada ħa ġurnata vaganza biex imur ifittex fejn marret toqgħod.

Wara ġurnata jistaqsi lis-seksieka kollha tar-raħal, irnexxielu jsibha, ħabbtilha, mistħi, u x'ħin raha quddiemu ħass qalbu tingħafas bil-ferħ.

"X'inqala'?", weġbitu maħsuda.

"Jimporta nidħol ġewwa u nitolbok tazza ilma għax is-sħana qatlitni minn dal-għodu s'issa!", u hi daħlitu ġewwa, imħassba.

"Mhux se noqgħod indur mal-lewża sinjorina, Dak in-nhar l-isptar indunajt li għandek bżonn l-għajnuna, imqar ħabib ma' min titkellem, xtaqt nipprova ngħinek. Fittixtek fejn kont toqgħod qabel u qaluli li ġejt toqgħod f'dan ir-raħal. Qattajt ġurnata nistaqsi għalik sakemm ma sibtek", qalilha b'nifsu maqtugħ.

"Jiġifieri inti qadt tfittixni biex tilħaqli salibi int ukoll! X'min għalik, li se nafdak għax tilbes il-ġagaga u tikteb ir-riċetti ġo sptar? Jekk jogħġbok, itlaq issa, kont qed nistrieħ qabel ma ġejt inti taħlili l-ftit ħin liberu tiegħi", weġbitu b'leħen żorr.

"Sinjorina, kulħadd xi darba jew oħra safa mweġġa' minn xi namrat jew minn xi ħabib li tradieh, nifhmek", weġibha kalm.

"Naħseb ma kontx ċara biżżejjed miegħek Dott. hux? Itlaq issa stess qabel ma nġiblek il-pulizija", qaltlu.

"Ħallini ngħinek...ħadt grazzja miegħek mill-ewwel, agħtini ċans...", beda jgħidilha, iżda hi reġgħet waqqfitu bil-ħatfa.

"Inti ma taf xejn fuqi u jien lanqas fuqek, u lanqas irrid inkun naf...m'iniex interessata, m'għandix moħħ daċ-ċajt, m'għandix spazju għalikom l-irġiel f'ħajti... itlaq Dott, għalxejn ġejt", qaltlu, u telaq bla kliem.

Wara lejl ħosbiena, Angelica ddeċidiet li tmur titlob skuża lit-tabib ta' kif it-trattatu għaliex fuq kollox ma kien għamlilha xejn ħażin, anzi wrieha li tiswa ftit attenzjoni. Sabitu jinvista tifla ta' xi tmien snin, u mingħajr ma riedet baqgħet tarah u tisimgħu bla ma wrietu li kienet qiegħda fil-kamra.

"Il-'mummy' taf sabiħa?", staqsieha lit-tifla u t-tifla bdiet tibki.

"Le, il-papà jgħidli biex ma ngħid lil ħadd, lanqas lil 'mummy'! Tbeżżagħni bin-nar biex ma nitkellimx", weġbitu. Refagħha u kif kien ħiereġ mill-kamra ra lil Angelica u nħasad. Hareġ bit-tifla mill-kamra u ħadha ħdejn nannitha. Xi nofs siegħa wara reġa' lura fejn Angelica, imħasseb.

"Ġejt niskuża ruħi tal-bieraħ. Ma kellix għalfejn inkeċċik hekk", qaltlu mistħija.

"Ma ġara xejn!", weġibha iktar ħosbien minn qabel.

"Dik it-tifla, dik it-tifla qed tiġi abbużata hux, Dottor Conrad? Qed tbati taħt għajnejn ommha stess hux?", qaltlu, u ħares lejha.

"Iva, jien ċert minnu dan... avżajt il-pulizija u kkuntattjajt lil *social worker...* missu jistħi missierha... kif jista' missier jabbuża u jwaġġa' lil bintu stess?", weġibha inkwetat.

"Vittma oħra fost ħafna... ommha taf sew x'inhu jiġri, l-omm tħoss imma ma titkellimx għax tibża' mill-iskandlu, tibża' li titlef lir-raġel, ma temminx lil bintha stess...", weġbitu b'għajnejha jgħumu fid-dmugħ. Conrad ħares lejn Angelica u fehem kollox. Ċerti affarijiet ma titgħallimhomx minn fuq l-eħxen kotba, titgħallimhom minn għajnejn min bata għal żmien twil fis-silenzju, fil-mistħija u fis-solitudni.

"Ommok kienet taf ukoll hux, u qatt ma tkellmet? Għalhekk dfintha qisha qatt ma eżistiet! Minn x'hiex għaddejt jaħasra!", qalilha.

"Ċertu ħmieġ trid tgħixu biex tifhmu sew!", qaltlu, u telqet minn ħdejh.

M'għaddewx jumejn, li Angelica ma reġgħetx marret l-isptar tfittex lit-tabib Conrad. Meta raha, uriha kemm kien ferħan biha.

"Ġejt biex ngħin lili nnifsi biex noħroġ mid-dlam li ili fih... inti lest li tgħinni, li tismagħni u li ma tiġġudikanix, li ma titħassarnix u li ma titqażżiżnix?", qaltlu minn taħt l-ilsien.

"Iva lest, ili lest biex nisimgħek!", weġibha, u ftiehmu biex joħorġu dak in-nhar filgħaxija.

"Kont ili niġi abbużata għoxrin sena, minn mindu kelli ħames snin sakemm ma miet missieri ħames snin ilu. Oħti għaddiet mill-istess passjoni li għaddejt jien sakemm ma żżewġet hekk kif għalqet sittax-il sena. Jien u hi qatt ma tkellimna fuq li konna nġarrbu għax konna nibżgħu u ommi kienet issawwatna kull darba li konna se nibdew ngħidulha xi ħaġa dwar missierna. Kienet tgħajjarna giddieba, maħmuġin, qħab. Illum naf li ommi kienet marida iktar minn missieri għax kienet taċċetta kollox b'għajnejha magħluqa...'l oħti ma rajthiex iżjed minn mindu żżewġet ħmistax-il sena ilu, lanqas fil-funerali tagħhom. Qatt ma għajjatlu papà lil dak il-ħanżir. Meta tiġi abbużata tidra tobgħod lilek innifsek, tirrassenja ruħek u ma tgħinx lilek innifsek għax taf li għalxejn, qatt mhu se titnaddaf. Kont nitqażżeż lili nnifsi, inwaħħal fija nnifsi, niċħad il-verità biex forsi ninsa. Dawn l-affarijiet se tismagħhom ħafna drabi mingħand tfal abbużati bħali. Trid tidra tibla l-mistħija u l-mibegħda lejn dawn in-nies li jirvinaw 'l uliedhom stess. Conrad, inti l-ewwel raġel li kellimni bil-ħlewwa u li jien ma bżajtx nitkellem miegħu... ma nagħtikx tort jekk issa se twarrabni", qaltlu, u hu tbissmilha.

"Għandek tassew talent fit-tpinġija... iz-ziju tiegħi dilettant tal-pittura kontemporanja u jekk nuruh xi biċċa minn tiegħek żgur jitħajjar jixtri xi waħda u jorganizzalek xi mostra wkoll. Angelica, diġà ħlewlek tletin sena minn ħajtek, issa ibda għix u uri x'mara mill-isbaħ int... ibda mil-lum... tħallix għal għada, ħallini ngħinek, nipprova almenu", weġibha.

"Kif, ma stagħġibtx b'li għadek kemm sirt taf fuqi?", staqsietu mistagħġba bir-risposta tiegħu.

"Ili nafu dan kollu fuqek għax minn għajnejk indunajt minn xiex għaddejt u mill-pitturi tiegħek indunajt kif minn ġot-tajn ta' din il-ħajja, tista' titwieled artista, stilla ġdida", weġibha, u ma setax ifaħħarha u jagħmillha kuraġġ iżjed minn hekk.

Angelica bdiet titlob l-għajnuna sa fl-aħħar, u rċivietha. Bdiet tmur titkellem ma' persuna speċjalizzata għat-tip ta' għajnuna psikoloġika li kellha bżonn u Conrad min-naħa l-oħra wettaq mostra ta' pitturi bl-aħjar biċċiet xogħol tagħha. Offrielha li jħallsilha kors avvanzat fil-pittura u hi aċċettat bil-kundizzjoni li l-flus li jħallsilha, kienu biss mislufin u li kellha tagħtihomlu lura ftit ftit.

Conrad għallimha kif titbissem u tbissima bdiet tidher dejjem iżjed u isbaħ fuq wiċċha! ❑




• Għażiż Father, qiegħda nibgħatlek il-flus biex inġedded l-abbonament fir-rivista **Dawl Franġiskan**. Nieħu ħafna pjaċir naqra din ir-rivista. Barra minn hekk jiena nsibha ta' siwi kbir għat-tifel tiegħi li qiegħed Form I. Ftit ilu kellu jagħmel *chart* "Malta pajjiż nisrani". Aħna sibna stampi u materjal minn fuq din ir-rivista. Grazzi tax-xogħol kbir li tieħdu intom il-patrijiet. Insellimlek.

*R. Mifsud - Victoria (Għawdex)*

• Għażiż Fr Joe, jiena oħt P. Taddew Schembri li kien u miet fil-missjoni fl-Etjopja. Qed nibgħatlek flus għal quddies għal ommi, għal ħija u għal oħrajn. Qed nibgħat ukoll il-ħlas għall-abbonament fir-rivista **Dawl Franġiskan** u għall-biljetti tal-lotterija. Prosit tar-rivista. Naqraha kollha u wara ngħaddiha lil ħaddieħor. Qiegħda nibgħatlek ftit bolol u flus barranin. Inselli ħafna għalik.

*G. Cousin - Senglea*

• Għażiż Fr Alessandro, minn qalbi nawguralek l-isbaħ xewqat ta' sliem, paċi u saħħa. Irrid nirringrazzjak ukoll talli jogħġbok tibgħatli r-rivista **Dawl Franġiskan**. Veru li jkun fiha artikli sbieħ u interessanti. Nieħu pjaċir naqraha. Grazzi. Oħtok f'San Franġisk,

*Sr. O. Spiteri - Etjopja*

# TISLIBA 46

minn P. Wistin ATTARD ofm cap



1. u 11. Dan ġie għand Ġesù billejl. (Ġw 3, 1ss) (8)
2. Mela issa ... l-art. (Ġoż 13, 7) (6)
3. Qallu jgħallem u iżjed. (1 Tim 6, 2) (5)
4. U la tifel u la din. (Tob 3, 9) (5)
5. Dagħa bih u seħtu. (Lev 24, 11) (4)
6. *Ħa nara* wiċċek. (Għan 2, 14) (5)
7. Kemm għad irid hekk. (Atti 9, 16) (5)
8. M'hemmx dan u anqas ħieles. (Gal 3, 28) (5)
9. Ħalaq lilu u l-Ġgant. (Ġob 9,9) (3)
10. Isir sultan flok David. (1 Slat 1, 32-35) (7)
11. Ara 1.
12. Qatt ma ... wiċċi. (Kol 2, 1) (3)
13. Omm Sefatija. (1 Kron 3, 3) (6)
14. Ħaten Mosè. (Eż 3, 1) (5)
15. Bejta għolja minn ta' din. (Ġer 49, 16) (5)
16. Waqqħet fuqkom *tort* tiegħi. (Ġona 1, 12) (5)
17. Ġejja mill-kelma Pur. (Est 9, 26) (5)
18. Kull ma jeħtieġlu wieħed hekk. (Eżek 12, 3) (7)
19. Qumu, sakranazzi, u ...! (Ġoel 1, 5) (4)
20. Fuq ġbinu jew fuq din. (Apk 14, 9) (3)
21. Din tibki lil uliedha. (Mt 2, 18) (5)
22. Li jkollu hekk għax qattiel. (1 Pt 4, 15) (5)

***RIŻULTAT TAT-TISLIBA TA' ĠUNJU / LULJU:***

*1. Vistu8; 2. No-amon; 3. Xibka; 4. Blata; 5. Anna; 6. Baħar; 7. Idoli; 8. Linka; 9. Tim; 10. Kotrana; 11. u 12. Inċens; 13. Niktbu; 14. Ittra; 15. Iljun; 16. Bqajt; 17. Attiv; 18. Tlaqliq; 19. Abba; 20. Kut; 21. Rabtu; 22. Jibni.*

**Ir-Rebbieħa ta' dan ix-xahar hija: Ċettina Bajada, Fontana - Gozo**

*Ir-rebbieħ jingħata ktieb sabiħ. Dan jittella' bix-xorti mit-tislibiet tajba li jaslu mhux aktar tard mill-ħmistax tax-xahar. Ibagħtu s-soluzzjoni tagħkom f'dan l-indirizz: Tisliba Dawl Franġiskan, Kunvent tal-Kapuċċini, Floriana - VLT 14*

# Rokna għat-Tfal

Tfal, din hi rokna għalikom. Hawn għandkom lista ta' ismijiet li kollha jinsabu mferrxin fil-kaxxa li hija magħmula minn ħafna ittri. Kulma tridu tagħmlu huwa li ssibu l-ittri li jiffurmaw dawn l-ismijiet u tagħmlu sinjal fuqhom. Il-kliem jista' jkun f'kull direzzjoni, imma dejjem f'linja dritta. Mit-tweġibiet tajba li jaslulna mingħandkom, intellgħu waħda u r-rebbieħ jingħata rigal sabiħ mil-**Librerija Preca** (Tal-Museum) tal-Blata l-Bajda.

| | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| I | S | S | A | N | A | M | A | Ġ | U | N | M |
| K | A | Q | A | I | R | D | E | C | D | A | A |
| L | D | K | N | S | U | K | N | E | D | T | R |
| E | I | R | K | Ħ | O | O | E | L | I | T | I |
| M | A | R | I | N | M | J | E | J | P | A | J |
| S | Ż | B | I | A | A | B | D | A | P | M | A |
| Ħ | A | J | F | N | A | R | B | K | E | D | B |
| R | A | D | N | B | J | B | P | I | Ż | U | Ħ |
| O | M | A | O | R | O | Ż | K | M | U | Ħ | I |
| Ż | Ġ | R | L | K | N | O | F | J | Ġ | I | V |
| A | O | B | A | A | J | I | S | O | Ġ | L | E |
| Ż | K | Ġ | J | S | A | L | A | T | J | E | L |

**ANTENATI TA' ĠESÙ**

ABIĦUD
AKIM
AMON
ARNI
AŻOR
ELIĦUD
ELJAKIM
ĠAKOBB
ĠANNAJ
ĠEKONIJA
ĠOSIJA
ĠUŻEPPI
LEVI
MANASSI
MARIJA
MATTAN
MELKI
SADOK
SALATJEL
ŻOROBABEL

Indirizzaw it-tweġiba tagħkom hekk: *ROKNA GĦAT-TFAL, P. Joe Alessandro, Kunvent tal-Kapuċċini Floriana VLT 14* • ***Ir-Rebbieħ ta' Ġunju/Lulju: RYAN VELLA, Mellieħa.***

Br Dennis Calleja OFMCap

# Is-Sejħa

L-Iskrittura titkellem spiss mis-sejħa ta' Alla. Ħafna persuni u anki poplu sħiħ insibuhom imsejħin minn Alla għal xi missjoni partikulari u speċjali. Insibu lil Abraham li Alla sejjaħlu biex jitlaq minn pajjiżu, iħalli lil niesu u jmur f'art li Alla kien urih. Mosè, ġie ukoll imsejjaħ biex imur jitlob il-ħelsien tal-poplu Lhudi mill-ħakma ta' l-Eġizzjani. Din is-sejħa ma kinetx għal xi ndividwu biss iżda għall-poplu sħiħ. Wara li ħareġ mill-Eġittu l-poplu Lhudi, Alla sejjaħlu biex ikun l-poplu tiegħu.



Fil-Ġdid Testment nsibu wkol lil Ġesù jsejjaħ madwaru d-dixxipli li minnhom għażel tnax li semmiehom Appostli. Naraw ukoll lil Ġesù jsejjaħ iż-żagħżugħ għani li dan staqsih x'għandu jagħmel biex jikseb il-ħajja ta' dejjem. Ġesù jħares lejh u jgħidlu biex josserva l-kmandamenti, iżda ż-żagħżugħ kien josservuhom.

Għalhekk Ġesù għamillu proposta qawwija biex ibiegħ kull ma' għandu u jagħtih lill-foqra, imbagħad imur u jimxi warajh. Iżda għal dan il-kliem iż-żagħżugħ baxxa rasu u telaq. Kemm kellu raġun Ġesù meta qal li ħafna huma l-imsejħin iżda ftit il-magħżulin. Sikwit nintrabtu mal-ġid tad-dinja u nitilfu s-sejħa tal-Mulej.

Mhux biżżejjed li Alla jsejjaħ għall-ħajja reliġuża jew saċerdotali. Hemm bżonn li l-bniedem iwieġeb għal din is-sejħa. Alla jistenna tweġiba ħierġa mill-qalb, Abraham sema' l-leħen ta' Alla u telaq kollox. Il-Profeta Isaija għas-sejħa ta' Alla wieġeb: "Hawn jien ibgħat lili" (Iż 6:8). Iżda mhux kulħadd iwieġeb mill-ewwel għas-sejħa ta' Alla. Naraw lil Mosè, li qal iva u obda wara ħafna skużi li ma jafx jitkellem. Ġeremija wkoll ġab l-iskuża li kien għadu żgħir u ma jafx jitkellem. Iżda ħaġa waħda hi ċerta li Alla meta jsejjaħlek jagħtik il-mezzi kollha biex tkun tista' twettaq il-ħidma li jafdalek f'idejk.

Ġesù għallem is-sewwa u l-verità lil kulħadd. Stedinna biex nimxu warajh billi nemmnu fih u fit-tagħlim tiegħu u nfasslu ħajjitna fuq l-Evanġelju. Ħafna laqgħu l-istedina tiegħu. Kienu jmorru warajh miġbudin mit-tjubija tiegħu. Kienu tassew affaxxinati bl-imħabba li kien jitrasmetti lejhom. Ġesù stess għażel u sejjaħ oħrajn biex joqogħdu miegħu għal kollox. Sawru ħajjithom kollha fuq ta' Ġesù biex jgħixu għalih biss.

Imma Kristu, l-vera mħabba, għax irid hu jsejjaħ lil x'uħud biex jagħtu ħajjithom għalih biss. Jgħixu maqgħudin miegħu fl-imħabba l-ħin kollu, bħall-Appostli u d-dixxipli l-oħra li kienu ħallew darhom, nieshom u gidhom biex joqogħdu għalih biss u għall-kelma tiegħu.

Din l-istedina hija RIGAL u GRAZZJA.

Li tkun msejjaħ għall-ħajja reliġjuża jew saċerdotali huwa rigal mill-isbaħ. Hija grazzja kbira li taħdem għal Ġesù biss u tkompli twettaq il-ħidma tiegħu fuq din l-art fost il-poplu li xerred demmu għalih. Fil-Magħmudija, in-nisrani jagħti ħajtu lil Alla, fil-ħajja saċerdotali jew reliġjuża, in-nisrani jfittex li jgħix il-milja tal-ħajja nisranija aktar qrib lejn Alla biex jaqdih aħjar u b'hekk iħallas b'imħabba s-sejħa li Alla tah. ❑

# Għin lill-Knisja u lill-Ordni Franġiskan Kapuċċini fil-Kenja billi tagħmel

# BOROŻ TA' STUDJU

**BORŻA TA' STUDJU** hija offerta ġeneruża ta' Lm250 li tmur għall-ispejjeż tas-seminaristi Kenjani tagħna kollha li qegħdin iħejju lilhom infushom biex isiru reliġjużi u saċerdoti Kapuċċini.

Din tista' tingħata jew minn persuna waħda jew minn diversi benefatturi li jingħaqdu flimkien. Tista' tingħata anki ftit ftit. Min jagħmel din l-offerta jkollu sehem kbir fil-ħajja reliġjuża u saċerdotali tal-Kapuċċini Kenjani.

*Għal aktar tagħrif ikkuntattja lil*
*P. Crispin Tabone OFMCap*
*Segretarju tal-Missjoni*
*Uffiċċju Missjoni Kapuċċini, Floriana*
*Tel: 2123 3874, 2123 4949, 2122 5525.*

